



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 23.11.2011
KUMM(2011) 789 finali

2011/0372 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni

{SEG(2011) 1406 finali}

{SEG(2011) 1407 finali}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Wara konsultazzjoni wiesgħa mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati, u wara valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi revedut il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ billi dik id-Deċiżjoni tiġi sostitwita. Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb is-sistema ta' monitoraġġ u ta' rapportar attwali sabiex tiżgura konformità mal-impenji u mal-obbligi tal-Unjoni u tal-Istati Membri skont il-ftehimiet internazzjonali attwali u dawk futuri dwar it-tibdil fil-klima, biexi jiġu ssodisfati r-rekwiżiti legali tal-Pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija, u biex tappoġġja l-iżvilupp tal-istrumenti tal-mitigazzjoni tal-klima u tal-adattament fil-livell tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tipproponi li d-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tiġi sostitwita b'Regolament minħabba l-ambitu usa' tal-leġiżlazzjoni, in-numru akbar ta' persuni indirizzati, in-natura ferm teknika u armonizzata tal-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ, u sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tiegħu.

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

L-għan tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC – United Nations Framework Convention on Climate Change), li ġiet approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 94/69/KE² tal-15 ta' Diċembru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima, huwa li l-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG – greenhouse gas) jinżammu stabbli fl-atmosfera f'livell li jevita interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema tal-klima. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, iż-żieda fit-temperatura medja ġenerali kumplessiva annwali tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż it-2°C mil-livelli preindustrijali. Ir-raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp ta' Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC – Intergovernmental Panel on Climate Change) juri li, sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra jridu jilhqg l-massimu sal-2020.

Il-Protokoll ta' Kjoto, li ġie rratifikat mill-Unjoni fil-31 ta' Mejju 2002³, daħal fis-seħħ fis-16 ta' Frar 2005. Il-Protokoll jistabbilixxi miri vinkolanti għat-tnaqqis jew għal-limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-gass serra għall-Unjoni u l-Istati Membri (minbarra Malta u Ċipru). Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007 ħa wkoll impenn sod li jnaqqas l-emissjonijiet kumplessivi tal-gass serra madwar l-UE b'tal-inqas 20 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2020, u bi 30 % jekk pajjiżi żviluppati oħrajn jimpenjaw ruħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet f'livell komparabbli u pajjiżi oħrajn fil-fażi tal-iżvilupp li huma ekonomikament aktar avvanzati jikkontribwixxu skont il-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Il-pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija li ġie miftiehem f'Diċembru 2008 bidel il-mira tat-tnaqqis ta' 20 % f'liġi. Dawn il-miri jidhru wkoll fid-Deċiżjoni 2/CP.15 ("il-Qbil ta' Kopenhaġen"), li l-Unjoni u l-Istati Membri approvaw fit-28 ta' Jannar 2010.

¹ GÜ L 49, 19.2.2004, p.1.

² GÜ L 33, 7.2.1994, p.11.

³ GÜ L 130, 15.5.2002, p.1.

L-objettiv tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE, minn hawn 'il quddiem imsejħa d-“Deċiżjoni dwar il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ,” kien li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet antropoġeniċi kollha minn sorsi u l-assorbiment minn bjar ta' gassijiet serra mhux ikkontrollati mill-Protokoll ta' Montreal; li jiġi evalwat il-progress tal-Istati Membri fl-obbligi tagħhom skont il-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto; li jiġu implimentati r-rekwiżiti ta' rapportar taħt il-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto; u l-iżgurar tal-puntwalità, il-kompletezza, il-preċiżjoni, il-konsistenza, il-komparabbiltà u t-trasparenza tar-rapportar mill-Unjoni u mill-Istati Membri lis-Segretarjat tal-UNFCCC.

L-għanijiet tar-reviżjoni proposta huma li:

- tirrefletti l-obbligi ta' rapportar tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ li jirriżultaw mill-UNFCCC, mill-Protokoll ta' Kjoto u mid-deċiżjonijiet sussegwenti adottati fihom fir-rigward tal-emissjonijiet tal-GHG u tal-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku pprovdut lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp;
- tgħin lill-Unjoni u lill-Istati Membri sabiex iwettqu l-impenji ta' mitigazzjoni tagħhom u sabiex jiġi implimentat il-pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija;
- tappoġġja l-iżvilupp ta' strumenti ġodda tal-Unjoni ta' mitigazzjoni u ta' adattament tat-tibdil fil-klima.

Din il-proposta ttejjeb ukoll ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rapportar dwar l-emissjonijiet tal-GHG li jirriżultaw minn sitt snin ta' esperjenza mid-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, l-aktar id-Deċiżjoni Nru 2005/166/KE⁴, u l-esperjenza fl-implimentazzjoni ta' rekwiżiti varji tal-UNFCCC.

• **Il-kuntest ġenerali**

Il-ħtieġa għar-reviżjoni tad-Deċiżjoni dwar il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ hija bbażata fuq ir-raġunijiet li ġejjin.

- Id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kjoto u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu huma l-istrumenti ewlenin ta' monitoraġġ, ta' rapportar u ta' verifika tal-emissjonijiet tal-GHG. Dawn jistabbilixxu d-dettalji għar-rapportar tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-GHG skont is-sorsi u l-assorbiment skont il-bjar, għall-għoti ta' informazzjoni dwar il-programmi nazzjonali għat-tnaqqis fl-emissjonijiet, dwar il-projezzjonijiet tal-emissjonijiet GHG, u dwar il-politiki u l-miżuri tat-tibdil fil-klima skont il-UNFCCC.
- Sitt snin ta' esperjenza fl-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ deċiżjonijiet u l-esperjenza miksuba matul in-negożjati internazzjonali u fl-implimentazzjoni ta' diversi rekwiżiti tal-UNFCCC urew li hemm oqsma li fihom jista' jsir titjib sinifikanti. Barra minn hekk, il-ħtieġa li tiżdied l-azzjoni ta' mitigazzjoni fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri u sabiex jintlaħqu l-impenji internazzjonali u domestiċi ġodda u dawk futuri, inkluża l-istrateġija tal-Ewropa 2020, teħtieġ sistema mtejjba ta' monitoraġġ u ta' rapportar.

⁴ ĠU L 55, 1.3.2005, p.57.

- Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib dwar it-tħeddida dejjem tiżdied tat-tibdil fil-klima globali li tirriżulta minn konċentrazzjonijiet li qed jiżdiedu ta' gassijiet serra fl-atmosfera, l-Unjoni qiegħda timplimenta u tippjana serje ta' politiki u azzjonijiet ta' mitigazzjoni. Il-ħolqien ta' qafas sod ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni, ta' rapportar u ta' verifika għall-emissjonijiet tal-GHG huwa parti importanti minn dan il-proċess minħabba li jippermetti lill-UE sabiex tiżviluppa u timplimenta b'mod aktar effettiv il-politiki futuri u sabiex tivvaluta u turi li qed tissodisfa l-impenji li ħadet.
- Fil-Konferenza tal-Partijiet (COP – “Conference of the Parties”) taħt il-UNFCCC f'Kopenhagen (COP 15), l-Unjoni u l-Istati Membri ħadu l-impenn li jipprovdu finanzjament bi tnedija veloċi u fit-tul relatat mal-klima u l-appoġġ teknoloġiku lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp. Fil-COP 16 f' Cancun, il-pajjiżi ftiehem (il-paragrafu 40 tad-Deċiżjoni 1/CP.16) li kull pajjiż żviluppat taħt il-UNFCCC għandu jtejjeb ir-rapportar dwar l-għoti ta' appoġġ finanzjarju, teknoloġiku u tal-bini tal-kapaċità lill-Partijiet tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp. Rapportar imtejjeb huwa essenzjali għar-rikonoxximent tal-isforzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fit-twettiq tal-impenji tagħhom.

B'mod aktar speċifiku, ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ se tipprova tindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:

- (1) Is-sistema eżistenti ta' monitoraġġ u rapportar għall-azzjonijiet ta' mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-GHG mhijiex adegwata sabiex jiġu implimentati rekwiżiti ġodda li jirriżultaw minn leġislazzjoni ġdida u żviluppi internazzjonali ġodda taħt il-UNFCCC;

Il-pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija miftiehem bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew fl-2009 introduċa rekwiżiti ġodda dwar il-monitoraġġ u r-rapportar għall-Istati Membri. Sabiex jidħlu fis-seħħ, dawn iridu jiġu inkorporati fis-sistema ta' monitoraġġ u rapportar eżistenti. Il-“Ftehimiet ta' Cancun” (id-Deċiżjoni 1/CP.16) taħt il-UNFCCC jeħtieġu wkoll rapportar imtejjeb dwar l-emissjonijiet u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni fis-segwitu tal-Protokoll ta' Kjoto.

- (2) Ma hemmx biżżejjed dejta disponibbli fil-livell tal-UE sabiex jiġu appoġġjati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki futuri;

F'numru ta' oqsma/setturi ta' importanza kbira fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-GHG u t-teħid ta' azzjoni fil-livell tal-UE, ma hemmx dejta, jew ma hemmx biżżejjed dejta miġbura sabiex issostni t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki. Dawn l-oqsma huma: a) it-trasport marittimu; b) l-avjazzjoni; ċ) l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF – “land-use, land-use change and forestry”), u d) l-adattament.

- (3) Is-sistema ta' monitoraġġ u rapportar eżistenti tindirizza l-emissjonijiet tal-GHG u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni tal-GHG u ma tqisx u lanqas tiżgura l-konformità ma' impenji ġodda taħt il-UNFCCC relatati mal-għoti ta' appoġġ finanzjarju u teknoloġiku lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp;

L-Unjoni ħadet impenn internazzjonali sabiex tipprovdi lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp b'finanzjament sinifikanti għal tnedija veloċi u fit-tul u appoġġ teknoloġiku relatati mal-klima lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp. Informazzjoni trasparenti u komprensiva dwar it-tip u l-ammont ta' appoġġ ipprovdut hija essenzjali sabiex jiġu żgurati l-viżibbiltà tal-Unjoni, it-twassil

effiċjenti tal-messaġġ tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima u l-kredibbiltà tagħha fir-rigward tal-imsieħba tagħna. Il-problemi identifikati hawn fuq spiss wasslu għal kritika ħarxa minn pajjiżi oħra li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha mhumiex jissodisfaw l-impenji tagħhom u jeħtieġ li jkun hemm soluzzjoni.

- (4) Dejta u informazzjoni addizzjonali huma meħtieġa sabiex jiġi mmonitorjat il-progress lejn il-miri ta' limitazzjoni tal-emissjonijiet, b'mod partikolari taħt l-istrateġija Ewropa 2020;

L-istrateġija Ewropa 2020, strateġija politika ekonomika integrata ġdida tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, tinkludi l-miri ta' limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali bħala miri ewlenin.

- (5) Hemm nuqqas osservat ta' trasparenza, puntwalità, konsistenza, kompletezza u komparabbiltà tal-informazzjoni rrapportata bħalissa skont id-Deċiżjoni dwar Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ;

Ir-rata relattivament għolja tal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità matul l-aħħar snin tindika li t-trasparenza, il-preċiżjoni, il-konsistenza u l-effiċjenza tas-sistema eżistenti ta' monitoraġġ u ta' rapportar jistgħu jiġu mtejbja.

- (6) L-esperjenza wriet li hemm hteġa urġenti għal simplifikazzjoni u organizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar kurrenti.

L-esperjenza fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni dwar Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ uriet li ċerti rekwiżiti ta' rapportar ma rendewx kif kien mistenni jew l-informazzjoni ma ntużatx kif kien maħsub. Uriet ukoll li r-rabtiet bejn l-istrumenti ta' rapportar jistgħu jiġu mtejbja.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ bħalissa huwa stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE, li se tiġi rrevokata b'din il-proposta.

- **Il-konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni**

Ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni dwar il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ:

- tikkontribwixxi għall-oġettivi ġenerali tal-pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet globali tal-GHG, hija konsistenti mal-istrumenti legali individwali adottati bħala parti mill-pakkett, u għandha l-għan li ttejjeb l-implimentazzjoni ta' politiki addizzjonali li għandhom mhumiex koperti biżżejjed mill-pakkett;
- hija konformi mad-diskussjonijiet fil-qafas tal-UNFCCC dwar is-sistemi futuri ta' kejl, ta' rapportar u ta' verifikazzjoni (MRV – measurement, reporting, and verification) għall-emissjonijiet, għall-azzjonijiet u għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju kemm f'termini tal-kwistjonijiet proposti li għandhom jiġu koperti kif ukoll fl-oqsma ta' rapportar magħżula għat-titjib;
- hija konformi mal-istrateġija tal-Ewropa 2020 li tinkludi l-impenn sabiex jiġu limitati l-emissjonijiet bħala waħda mill-miri ewlenin tagħha u li teħtieġ li ssir disponibbli

informazzjoni aġġornata u reċenti dwar l-azzjoni tat-tibdil fil-klima sabiex jiġi monitorjat il-progress li sar mill-Istati Membri u mill-Unjoni;

- hija konformi mal-oġġettivi tal-Unjoni ta' simplifikazzjoni u ta' regolamentazzjoni aħjar, minħabba li r-reviżjoni tibni fuq l-esperjenza fl-implimentazzjoni u t-tweġibiet li ntbagħtu mill-partijiet interessati. Ir-reviżjoni għandha l-għan li tindirizza d-dgħjufijiet u l-problemi identifikati u li tissimplifika r-rekwiżiti ta' rapportar, skont kif ikun applikabbli. Ir-rekwiżiti l-ġodda huma allinjati mal-flussi ta' rapportar u mal-ħtiġijiet tal-informazzjoni eżistenti u dawn ġew ikkunsidrati bir-reqqa.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u profil ġenerali ta' dawk li wieġbu**

Minbarra l-laqgħat u l-workshops tal-esperti, mis-7 ta' Marzu 2011 sad-29 ta' April 2011 tnediet konsultazzjoni pubblika online mal-partijiet interessati li tkopri l-aspetti kollha tar-reviżjoni pplanata tad-Deċiżjoni Nru 280/2004. Il-kwestjonarju online kien aċċessibbli fuq is-siti elettroniċi tad-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika u ta' "Your Voice" (Il-Vuċi Tiegħek). Il-kwestjonarju sar disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha u nġhatat attenzjoni partikolari sabiex il-partijiet interessati jiġu informati. It-tweġibiet waslu mingħand individwi privati, minn amministrazzjonijiet nazzjonali, minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, minn kumpaniji privati, minn gruppi tal-industrija u minn istituzzjoni ta' riċerka.

- **Ir-riżultat tal-proċess ta' konsultazzjoni pubblika online**

Id-dejta miġbura permezz tal-konsultazzjoni online mal-partijiet interessati tissuġġerixxi li ċ-ċittadini tal-UE għandhom interess kbir fl-informazzjoni dwar it-tibdil fil-klima u jappoġġjaw it-titjib ulterjuri fis-sistema ta' rapportar, b'mod partikolari fir-rigward tal-komprensività u t-trasparenza tal-informazzjoni. B'mod ġenerali, dawk li wieġbu sabu li, minkejja l-ammont u l-kwalità ta' informazzjoni u ta' dejta relattivament tajbin dwar it-tibdil fil-klima, għad hemm lok għal titjib u l-maġġoranza ta' dawk li wieġbu kkunsidraw li tkun ħaġa siewja li jitjiebu r-rekwiżiti fl-oqsma kollha kkunsidrati f'din il-valutazzjoni tal-impatt. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni huma disponibbli online⁵.

- **Il-konsultazzjoni mal-Istati Membri**

Fl-2009, fl-2010 u fl-2011 twettqu żewġ workshops, sensiela ta' laqgħat tekniċi u speċifiċi skont is-settur għall-esperti u tmexxew għadd ta' proġetti sabiex l-Istati Membri jiġu informati dwar ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni dwar il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ. F'dawn il-laqgħat, l-Istati Membri qablu li kien hemm bżonn ta' reviżjoni tad-Deċiżjoni dwar il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ sabiex din tqis l-iżviluppi fil-livell tal-Unjoni u fil-livell internazzjonali, u l-lezzjonijiet mitgħallma mill-implimentazzjoni tiegħu. Madankollu, l-Istati Membri tħassbu dwar kwalunkwe żieda konsegwenti fil-piż amministrattiv.

Seba' Stati Membri (il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, is-Slovakkja, Spanja u l-Isvezja) offrew b'mod volontarju li jipparteċipaw sabiex jipprovdu informazzjoni

⁵ http://ec.europa.eu/clima/consultations/0008/index_en.htm

dwar il-piż amministrattiv/l-ispejjeż. Dawn l-Istati Membri ġew ikkonsultati darbtejn permezz ta' kwestjonarji. Madankollu, 5 biss (il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja) ipprovdew tveġibiet għat-tieni kwestjonarju. Ir-rata baxxa ta' tveġibiet għat-tieni kwestjonarju hija dovuta l-aktar għall-fatt li l-mistoqsijiet kienu jirrigwardaw l-aktar id-dispożizzjonijiet il-ġodda li se jidħlu fir-Regolament il-ġdid dwar il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ. Għaldaqstant, l-Istati Membri sabuha diffiċli sabiex jistmaw il-potenzjal tal-piż amministrattiv. Bħala segwitu, u skont il-parir mill-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ġew ikkuntattjati permezz tal-telefown u permezz tal-posta elettronika sabiex tinkiseb dejta addizzjonali jew sabiex tiġi ċċarata l-informazzjoni ppreżentata. Dan il-proċess iġġenera d-dejta finali dwar il-piż amministrattiv li fuqha hija bbażata l-valutazzjoni tal-impatt.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt stħarrġet diversi kwistjonijiet, inkluż:

- Ċiklu tal-UE ta' reviżjoni u ta' konformità skont id-Deċiżjoni ta' Kondivizzjoni tal-Isforzi;
- Rekwiżiti ta' rapportar għall-emissjonijiet mit-trasport marittimu internazzjonali;
- Rekwiżiti ta' rapportar relatati ma' impatti mhux tas-CO₂ mill-avjazzjoni fuq il-klima globali;
- Rekwiżiti ta' rapportar dwar l-addattament;
- Rekwiżiti addizzjonali ta' rapportar dwar il-LULUCF;
- Rekwiżiti ta' rapportar dwar l-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku pprovdut lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp;
- Konsistenza ma' strumenti legali oħrajn tal-UE li għandhom fil-mira tagħhom sustanzi li jniġġsu l-arja u titjib ibbażat fuq l-esperjenza fil-passat mill-implimentazzjoni.

Il-valutazzjoni tal-impatt ikkunsidrat diversi għażliet politiċi għal kull waħda minn dawn il-problemi. L-impatti potenzjali ekonomiċi u ambjentali ġew ikkunsidrati fid-dettall. L-evalwazzjoni dettaljata tal-għażliet hija stabbilita fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta li se tkun disponibbli fuq dan l-indirizz: http://ec.europa.eu/clima/studies/g-gas/index_en.htm.

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

L-għan ewlieni ta' dan ir-Regolament huwa li jgħin lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha sabiex jissodisfaw l-impenji u l-għanijiet nazzjonali tagħhom, dawk tal-Unjoni, u dawk internazzjonali u sabiex tiġi żviluppata politika permezz ta' rapportar trasparenti, preċiż, konsistenti, komparabbli u komplut.

Ir-rekwiżiti internazzjonali eżistenti ta' rapportar diġà jeħtieġu r-rapportar annwali tal-emissjonijiet tal-GHG u r-rapportar dwar informazzjoni oħra relatata mal-klima (projezzjonijiet, azzjonijiet ta' mitigazzjoni, appoġġ ipprovdut lil pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, adattament) kull 4 snin. Madankollu, rapportar bħal dan għal żmien twil kien ikkunsidrat

insuffiċjenti u kien hemm talba internazzjonali qawwija sabiex jitjiebu u jiżiedu r-rekwiżiti ta' rapportar eżistenti kif ukoll sabiex tiżdied il-frekwenza tar-rapportar. Dan huwa partikolarment vitali f'dawn iż-żminijiet kritiċi fejn l-iżviluppi ekonomiċi qed ikollhom impatt fuq is-suq, fuq l-iżvilupp tal-politika ta' mitigazzjoni u fejn l-għoti ta' sinjali bikrija ta' twissija jista' jinfluwenza b'mod sinifikanti l-kapaċità ta' pajjiż sabiex jieħu azzjoni u jista' jiżgura li t-tkabbir ekonomika jibqa diżakkoppjat minn mal-emissjonijiet tal-GHG. L-istess kunsiderazzjonijiet ġew trasformati f'rekwiżiti konkreti fil-ftehimiet internazzjonali reċenti f' Cancun (Deċiżjoni 1/CP.16) li tabilħaqq jeħtieġu ammont notevoli ta' informazzjoni soda u komprensiva (dwar projezzjonijiet, azzjonijiet ta' mitigazzjoni, appoġġ ipprovdut lil pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp) fuq bażi ta' sentejn (2) sabiex b'hekk jiġu sostnuti l-impenji li l-Partijiet jiddeċiedu li jieħdu. Ir-rekwiżiti internazzjonali jmorru wkoll flimkien ma' rekwiżiti stabbiliti dan l-aħħar fil-livell tal-UE permezz tal-pakkett dwar il-klima u l-enerġija fejn hemm ukoll qbil ċar dwar il-ħtieġa għal dejta u informazzjoni aħjar u aktar reċenti. Finalment, il-ġbir ta' informazzjoni aktar aġġornata mill-Istati Membri, b'mod partikolari dwar il-projezzjonijiet tal-GHG tagħhom u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni, se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-istrategġija Ewropa 2020 li tinkludi l-miri nazzjonali ta' limitazzjoni tal-emissjonijiet bħala miri ewlenin. F'dan il-kuntest, dan ir-Regolament qed jipproponi titjib tal-qafas tal-monitoraġġ, tar-rapportar u tar-reviżjoni fi ħdan l-UE u b'hekk jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' impenji domestiċi u internazzjonali ta' politiki attwali u l-iżvilupp effettiv ta' politiki oħrajn.

Minħabba l-inċertezzi marbutin mas-sistema dwar il-klima ta' wara l-Protokoll ta' Kjoto u l-ħtieġa għal ċiklu ta' konformità annwali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Enerġija ("ESD - Energy Services Directive"), din il-proposta tinkludi l-istabbiliment ta' proċess ta' reviżjoni fil-livell tal-Unjoni tad-dejta dwar il-GHG ppreżentata mill-Istati Membri u b'hekk, jiġi żgurat li l-konformità mal-miri tal-ESD hija vvalutata b'mod komprensiv, trasparenti, kredibbli u puntwali, kif stipulat fil-pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija.

Il-proposta tieħu approċċ prudenti għar-rapportar dwar l-emissjonijiet minn trasport marittimu internazzjonali u s-settur tal-LULUCF fejn id-diskussjonijiet dwar il-politika, kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll fil-livell internazzjonali, għadhom għaddejnin. Tiżgura li l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jipprovidi qafas adegwat għat-tfassil ta' rekwiżiti ta' rapportar dettaljati aktar tard meta jintlaħaq riżultat konkret tal-politika, kemm jekk fil-livell internazzjonali kif ukoll jekk fil-livell tal-Unjoni. Din tiżgura koerenza ma' qafas futur tal-politika, tevita l-isforzi ta' duplikazzjoni u tiżgura li l-Unjoni tkun tista' timplimenta r-rekwiżiti dettaljati bl-aktar mod effiċjenti.

Il-proposta tiżgura koerenza mal-politika eżistenti tal-Unjoni dwar l-impatti tal-avjazzjoni mhux tas-CO₂ fuq il-klima, minħabba li tobbliga lill-Kummissjoni sabiex kull sentejn tivvaluta dawn l-impatti fuq il-baży tal-aħħar dejta dwar l-aħħar emissjonijiet u l-avvanzi xjentifiċi. Dan l-approċċ huwa differenti minn daww esplorati fil-valutazzjoni tal-impatt u jirrifletti l-ideat utli li waslu minn servizzi oħrajn tal-Kummissjoni matul il-proċess ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi. Dan ġie inkluż fil-proposta minħabba li tqies li jikseb benefiċċji ekwivalenti b'piż amministrattiv ferm aktar baxx.

Fir-rigward ta' rapportar dwar il-projezzjonijiet, il-politiki u l-miżuri, il-proposta tirrikjedi rapportar annwali sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni annwali tal-impenji li jkunu ttieħdu mill-UE fil-livelli nazzjonali u internazzjonali iżda anki sabiex tiffaċilita azzjoni korrettiva bikrija u effettiva. Għandu jiġi osservat li bosta Stati Membri diġà jirrapportaw informazzjoni aġġornata kull sena jekk jikkunsidraw li l-informazzjoni ppreżentata matul is-sena l-oħra jkun

skada ż-żmien tagħha. Il-proposta tiegħu approċċ pragmatiku għax ma titlobx li l-informazzjoni ta' sfond duplikata tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni, iżda tfitteż li tiżgura li r-rapporti ta' sfond tekniċi eżistenti jsiru disponibbli għall-informazzjoni tal-pubbliku.

Fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku, il-proposta ttejjeb ir-rapportar fuq il-bażi ta' metodi komuni, b'konformità mal-obbligu tal-Unjoni li tipprovdi informazzjoni trasparenti u kompluta dwar l-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku li tipprovdi lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp.

Ir-rapportar annwali dwar l-azzjoni ta' adattament se jgħin sabiex tiġi identifikata l-azzjoni meħuda mill-Istati Membri u sabiex tiġi żviluppata strateġija ta' adattament madwar l-Unjoni. Dan se jipprovdi wkoll informazzjoni u dejta lill-Mekkaniżmu tal-UE għall-Ikklerjar, li se jkun għodda utli għal dawk li jfasslu l-politiki fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. B'konformità mal-valutazzjoni tal-impatt, din hija għażla effiċjenti minħabba li tinvolvi piż amministrattiv limitat, iżda tiżgura li l-Unjoni tkun tista' tissodisfa b'mod aħjar l-obbligi internazzjonali ta' rapportar tagħha.

Finalment, il-proposta ttejjeb is-sistemi nazzjonali eżistenti fl-Istati Membri sabiex tindirizza r-rapportar dwar projezzjonijiet, politiki u miżuri u tipprovdi konsistenza ma' strumenti legali oħra li għandhom fil-mira s-sustanzi li jniġġsu l-arja. Din il-proposta hija mod effiċjenti kif isir progress għaliex, minkejja l-piż relatat magħha, fuq perjodu ta' żmien twil se twassal għal konformità aħjar, simplifikazzjoni u spejjeż aktar baxxi. Il-proposta tinkludi wkoll dispożizzjonijiet aħjar ta' garanzija ta' kwalità / ta' kontroll tal-kwalità u tniedi formati u gwida ta' rapportar simplifikati sabiex ittejjeb il-kwalità u l-kompletezza tad-dejta pprovduta u sabiex tissimplifika r-rekwiżiti ta' rapportar eżistenti mingħajr ma timponi piż amministrattiv żejjed.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Il-bażi legali**

Il-bażi legali għall-proposta leġiżlattiva hija l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-proposta tipprova tilħaq għan leġittimu fi ħdan l-ambitu tal-Artikolu 191(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-aktar fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima (mitigazzjoni u adattament). L-iskop tal-proposta huwa li jittejjbu d-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar il-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni, u l-koordinazzjoni u l-konsistenza fir-rapportar tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha skont il-UNFCCC. Dan l-għan ma jistax jintlaħaq b'mezzi inqas restrittivi. Dan ma taffettwax id-dvizjoni ġenerali bħalissa tar-responsabbiltajiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri dwar il-monitoraġġ, il-ġbir tad-dejta u r-rapportar kif stabbiliti bid-Deċiżjoni dwar il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ.

- **Il-prinċipju ta' sussidjarjetà**

Sabiex l-azzjoni tal-UE tkun iġġustifikata, irid jiġi rispettata il-prinċipju ta' sussidjarjetà:

(a) *Natura tranżnazzjonali tal-problema (test tan-neċessità)*

In-natura tranżnazzjonali tat-tibdil fil-klima hija element importanti sabiex jiġi stabbilit jekk l-azzjoni tal-Unjoni hijiex neċessarja. L-azzjoni domestika waħedha ma tiksibx il-konformità mal-impenji miftiehma fil-livell internazzjonali u ma tkunx biżżejjed sabiex tilħaq l-għanijiet u l-miri stabbiliti fid-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. Għaldaqstant, huwa

neċessarju għall-Unjoni li jinħoloq qafas li jiffaċilita s-sodisfar tar-rekwiżiti internazzjonali u tal-Unjoni, billi jiżgura rapportar armonizzat kull fejn dan ikun possibbli. Titjib fl-effiċjenza tar-rapportar, li jeħtieġ koordinazzjoni fuq firxa ta' strumenti, u fil-puntwalità u l-kwalità tar-rapportar skont il-UNFCCC fil-kompilazzjoni ta' dejta minn 27 Stat Membru, jeħtieġ ukoll koordinazzjoni fil-livell tal-UE.

(b) Test tal-effikaċja (valur miżjud)

Minbarra l-fatt li ħafna mir-reviżjonijiet proposti jirriżultaw minn rekwiżiti internazzjonali u tal-Unjoni eżistenti jew futuri, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tipproduċi benefiċċji ċari meta mqabbla mal-azzjoni fil-livell nazzjonali minħabba l-effikaċja tagħha. Minħabba li l-impenji ġenerali jsiru fil-livell tal-Unjoni, ikun ferm aktar effettiv jekk l-istrumenti ta' rapportar meħtieġa jiġu żviluppati fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, sabiex jingħelbu l-problemi identifikati, bħall-kwalità u l-puntwalità tar-rapportar tal-Unjoni u tal-Istati Membri, jeħtieġ koordinazzjoni tad-dejta u tal-metodi madwar is-27 Stat Membru kollha kemm huma, u din tkun aktar effettiva fil-livell tal-Unjoni.

L-esperjenza, b'mod partikolari bir-rapportar dwar l-emissjonijiet tal-GHG lill-UNFCCC, uriet li d-Deċiżjoni dwar il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ ikkontribwixxiet b'mod sinifikanti għall-iffaċilitar u l-infurzar ta' rapportar ta' kwalità tajba. Il-kontrolli u l-analiżijiet addizzjonali tad-dejta tal-Istati Membri skont id-Deċiżjoni dwar il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ wasslu għal rapportar ta' kwalità aħjar lill-UNFCCC, assistew b'mod proattiv lill-Istati Membri sabiex iwettqu l-impenji tagħhom u kkontribwixxew ħafna wkoll għal-limitazzjoni tal-każijiet fejn hemm nuqqas ta' konformità skont il-UNFCCC. Il-livell miżjud tal-infurzar tal-konformità li rriżulta mill-possibbiltà li l-Kummissjoni tiftaħ proċedura ta' ksur kien importanti wkoll.

Huwa mistenni li l-estensjoni tar-rapportar skont il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ rivedut għal oqsma ġodda koperti mill-UNFCCC, bħall-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku, se tirrendi benefiċċji sinifikanti simili. Ir-rapportar skont il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ rivedut se jipprovdi valutazzjoni u apprezzament aktar dettaljati tad-dejta tal-Istati Membri u se jiżgura li d-diskrepanzi u d-dgħjufijiet jiġu identifikati b'mod ċar u li tittieħed azzjoni konkreta biex dawn jiġu indirizzati għaliex jikkostitwixxu żewġ oqsma tar-rapportar kruċjali għall-kredibbiltà internazzjonali tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-rapportar skont il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ rivedut se jiżgura tal-inqas xi standards minimi komuni, minħabba li l-informazzjoni ġiet irrapportata b'mod pjuttost inkonsistenti. Finalment, l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ksur se tkun importanti sabiex ikun żgurat li kwalunkwe kwistjoni li jkun fadal, tkun indirizzata internament fi ħdan l-Unjoni bil-kontra tal-UNFCCC fejn l-implikazzjonijiet politiċi u legali jistgħu jkunu sinifikanti.

Fir-rigward tar-rapportar dwar l-adattament, il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ rivedut se jkollu benefiċċji simili għal dawk imsemmija hawn fuq bil-vantaġġ ulterjuri li se jipprovdi wkoll pjattaforma fejn fiha jistgħu jiġu diskussi l-aħjar Prattiki. Peress li l-adattament huwa problema esperjenzata mill-Istati Membri kollha, iċ-ċentralizzazzjoni tar-rapportar tal-informazzjoni se tkun ta' benefiċċju għall-fehim tal-ħtiġijiet ta' adattament, u għall-identifikazzjoni tal-aħjar Prattiki u d-diskrepanzi li jistgħu jiġu indirizzati, jew permezz ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni jew permezz ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

• **Il-prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' titjib fil-kwalità tad-dejta dwar it-tibdil fil-klima u sabiex tkun żgurata l-konformità skont ir-rekwiżiti internazzjonali u tal-Unjoni.

Il-proposta hija proporzjonata mal-objettiv ġenerali tal-Unjoni li tilħaq il-miri ta' Kjoto tagħha ta' tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra, il-miri tal-Unjoni stabbiliti fil-pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija, fil-Qbil ta' Kopenhagen, u fid-Deċiżjoni 1/CP.16 ("Ftehimiet ta' Cancun").

Il-proposta tipprovdi għall-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ li huwa simili, fil-prattiki u fil-proċeduri, għal dak diġà implimentat bid-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Kif speċifikat fid-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja dan ir-Regolament, ir-Regolament se jiġi implimentat permezz ta' baġit eżistenti u mhux se jkollu impatt fuq il-qafas finanzjarju multiannwali.

5. L-ELEMENTI FAKULTATTIVI

- **L-analiżi/ir-reviżjoni/il-klawżola 'sunset'**

Il-proposta tinkludi dispożizzjoni li tippermetti lill-Kummissjoni sabiex tanalizza dan ir-Regolament fil-kuntest tad-deċiżjonijiet futuri relatati mal-UNFCCC u mal-Protokoll ta' Kjoto jew ma' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni. Fejn ikun hemm bżonn, il-Kummissjoni se tipproponi emendi għal dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, se temenda atti delegati eżistenti jew tadotta oħrajn ġodda.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁶,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁷,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ [ta]l-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kjoto⁸ stabbilixxiet qafas għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment tal-gassijiet b'effett ta' serra minn bjar, l-evalwazzjoni tal-progress lejn l-issodisfar tal-impenji fir-rigward ta' dawn l-emissjonijiet u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rapportar skont il-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ('UNFCCC')⁹ u l-Protokoll ta' Kjoto¹⁰ fl-Unjoni Ewropea. Sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi riċenti u futuri fil-livell internazzjonali relatati mal-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto, u sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti ġodda ta' monitoraġġ u ta' rapportar awtorizzati mil-leġislażzjoni tal-Unjoni, dik id-Deċiżjoni għandha tiġi sostitwita. Id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE għandha tiġi sostitwita minn Regolament minħabba l-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-leġislażzjoni, l-inklużjoni ta' kategoriji addizzjonali ta' persuni li għalihom l-obbligi huma indirizzati, in-natura aktar kumplessa u teknika ħafna tad-

⁶ ĠU Ċ., p. .

⁷ ĠU Ċ., p. .

⁸ ĠU L 49, 19.2.2004, p.1.

⁹ ĠU L 33, 7.2.1994, p.13.

¹⁰ ĠU L 130, 15.5.2002, p.4.

dispożizzjonijiet introdotti, il-ħtieġa akbar għal regoli uniformi applikabbli madwar l-Unjoni u sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni.

- (2) L-għan aħħari tal-UNFCCC huwa li tistabbilizza l-konċentrazzjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera f'livell li jipprevjeni interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema tal-klima. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, iż-żieda annwali globali ġenerali tat-temperatura medja tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż iż-2°C 'il fuq mil-livelli pre-industrijali.
- (3) Hemm il-ħtieġa li jsiru monitoraġġ u rapportar bir-reqqa, kif ukoll valutazzjoni regolari tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni u tal-Istati Membri u tal-isforzi tagħhom sabiex jindirizzaw it-tibdil fil-klima.
- (4) Id-Deċiżjoni 1/CP.15 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC ('Deċiżjoni 1/CP.15' jew il-'Qbil ta' Kopenhagen') u d-Deċiżjoni 1/CP.16 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC ('Deċiżjoni 1/CP.16' jew il-'Ftehimiet ta' Cancún') ikkontribwixxew b'mod sinjifikanti għall-progress fl-indirizzar tal-isfidi mqajma mit-tibdil fil-klima b'mod bilanċjat. Dawk id-deċiżjonijiet introduċew rekwiżiti ġodda ta' monitoraġġ u ta' rapportar li japplikaw għall-implimentazzjoni ta' tnaqqis ambizzjuż fl-emissjonijiet, li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu taw l-impenn tagħhom għaliha, u pprovdew appoġġ lill-pajjiżi li qegħdin fil-fażi tal-iżvilupp. Dawk id-deċiżjonijiet irrikonoxxew ukoll l-importanza li l-adattament jiġi indirizzat bl-istess prijorità bħall-mitigazzjoni. Id-Deċiżjoni 1/CP.16 tesiġi wkoll li l-pajjiżi żviluppatti jellaboraw l-istrateġiji jew il-pjanijiet ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju. Dawn l-istrateġiji jew pjanijiet huma mistennija li jikkontribwixxu lejn il-bini ta' soċjetà b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u li jiżguraw tkabbir għoli u żvilupp sostenibbli kontinwi. Dan ir-Regolament għandu jiffaċilita, permezz tal-atti ddelegati tiegħu, l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rapportar, kif ukoll dawk futuri, li joħorġu minn deċiżjonijiet ulterjuri jew mill-approvazzjoni ta' ftehim internazzjonali skont il-UNFCCC.
- (5) Il-Pakkett tal-Klima u l-Enerġija adottat fl-2009, b'mod partikolari d-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gass serra sal-2020¹¹ u d-Direttiva 2009/29/KE tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra¹², jikkostitwixxi impenn qawwi ieħor mill-Unjoni u l-Istati Membri li jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra b'mod sinjifikanti. Is-sistema tal-Unjoni għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet għandha tiġi aġġornata wkoll fid-dawl tar-rekwiżiti l-ġodda skont dik il-leġiżlazzjoni.
- (6) Il-UNFCCC timpenja lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha biex jiżviluppaw, jaġġornaw regolarment, jippubblikaw u jirrapportaw lill-Konferenza tal-Partijiet l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar tal-gassijiet kollha b'effett ta' serra mhux ikkontrollati mill-Protokoll ta' Montreal tal-1987 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu għall-Konvenzjoni ta'

¹¹ ĠU L 140, 5.6.2009, p.136.

¹² ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63.

Vjenna għall-Protezzjoni tas-Saff tal-Ożonu (il-'Protokoll ta' Montreal')¹³, billi jużaw metodoloġiji komparabbli miftiehma mill-Konferenza tal-Partijiet.

- (7) L-Artikolu 5(1) tal-Protokoll ta' Kjoto jesiġi li l-Unjoni u l-Istati Membri jistabilixxu u jżommu sistema nazzjonali għall-valutazzjoni tal-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar tal-gassijiet kollha b'effett ta' serra mhux ikkontrollati mill-Protokoll ta' Montreal, bil-għan li jiżguraw l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħrajn tal-Protokoll ta' Kjoto. Id-Deċiżjoni 1/CP.16 titlob ukoll l-istabbiliment ta' arranġamenti nazzjonali għall-istima tal-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar tal-gassijiet kollha b'effett ta' serra mhux ikkontrollati mill-Protokoll ta' Montreal. Dan ir-Regolament għandu jippermetti l-implimentazzjoni ta' dawk iż-żewġ rekwiżiti.
- (8) L-esperjenza mill-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE wriet il-ħtieġa li jiżdiedu s-sinerġiji u l-koerenza mar-rapportar skont strumenti legali oħrajn, b'mod partikolari mad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE¹⁴, mar-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE¹⁵, mad-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi¹⁶, mar-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra fluworinati¹⁷ u mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008¹⁸ dwar l-istatistika dwar l-enerġija. Filwaqt li s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tar-rapportar se teħtieġ li jiġu emendati l-istrumenti legali individwali, l-użu ta' dejta konsistenti għar-rapportar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra huwa essenzjali sabiex tkun żgurata l-kwalità tar-rapportar tal-emissjonijiet.
- (9) Ir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) identifika potenzjal ta' tisħin globali għat-trifluworur tan-nitroġenu ('NF₃'), li huwa madwar 17 000 darba aktar minn dak tas-CO₂. L-NF₃ qiegħed jintuża dejjem aktar fl-industrija elettronika biex jissostitwixxi l-perfluworokarburi ('PFCs') u l-eżafluworur tal-karbonju (SF₆). Skont l-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-politika ambjentali tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tal-prekawzjoni. Dak il-prinċipju jitlob il-monitoraġġ tal-NF₃ sabiex jiġi vvalutat il-livell ta' emissjonijiet fl-Unjoni u, jekk ikun meħtieġ, sabiex jiġu definiti azzjonijiet ta' mitigazzjoni.
- (10) Id-dejta rrapportata bħalissa fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra u fir-reġistri nazzjonali u tal-Unjoni mhijiex biżżejjed sabiex jiġu stabbiliti, fil-livell tal-Istati Membri, l-emissjonijiet ta' CO₂ mill-avjazzjoni ċivili fil-livell nazzjonali li

¹³ ĠU L 297, 31.10.1988, p.21.

¹⁴ ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

¹⁵ ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1.

¹⁶ ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22.

¹⁷ ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1.

¹⁸ ĠU L 304, 4.11.2008, p. 1.

mhumieħ koperti mid-Direttiva 2003/87/KE. Meta tadotta l-obbligi tar-rapportar, l-Unjoni ma għandhiex timponi piżijiet fuq l-Istati Membri u fuq l-impriżi żgħar u ta' daqs medju ('SMEs') li jkunu sproporzjonati għall-obiettivi segwiti. L-emissjonijiet ta' CO₂ minn titjiriet mhux koperti mid-Direttiva 2003/87/KE jirrappreżentaw biss parti żgħira ħafna mill-emissjonijiet totali ta' gassijiet b'effett ta' serra, u l-ħolqien ta' sistema ta' rapportar għal dawn l-emissjonijiet ikun ta' piż bla bżonn fid-dawl tar-rekwiżiti eżistenti għas-settur usa' skont id-Direttiva 2003/87/KE. Għalhekk, l-emissjonijiet ta' CO₂ mill-kategorija tas-sorsi tal-IPCC '1.A.3.A l-avjazzjoni ċivili' għandhom jiġu ttrattati bħala ugwali għal zero għall-finijiet tal-Artikoli 3 u 7(1) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

- (11) Filwaqt li l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet b'effett ta' serra relatati mal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija ('LULUCF') jiġu kkunsidrati sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni ta' tnaqqis tal-emissjonijiet skont il-Protokoll ta' Kjoto, dawn ma jiffurmawx parti mill-mira ta' 20 % għall-2020 skont il-pakkett tal-Klima u l-Enerġija. Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE u d-Direttiva 2003/87/KE jirrikjedu li l-Kummissjoni tivvaluta l-mezzi biex tinkludi l-LULUCF fil-mira tal-2020. L-iskedar taż-żmien għal din il-ħidma sar kondizzjonali fuq l-eżitu tan-negożjati fuq ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima. Fin-nuqqas ta' ftehim bħal dan fl-aħħar tal-2010, il-Kummissjoni tista' tagħmel proposta bil-għan li l-att propost jidħol fis-seħħ mill-2013. Dan ir-Regolament għandu jippermetti l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tar-rapportar ta' ftehim internazzjonali jew ta' tali leġislazzjoni tal-Unjoni.
- (12) L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu informazzjoni l-aktar aġġornata dwar l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra, b'mod partikolari skont il-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020 u t-termini ta' żmien speċifikati tagħha. Dan ir-Regolament għandu jippermetti li dawn l-estimi jitħejjew fl-iqsar perjodi ta' żmien possibbli billi tintuża informazzjoni statistika u informazzjoni oħra.
- (13) Ir-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu mill-Istati Membri għandhom jiġu adottati b'mod li jkun komplementari u konsistenti ma' kwalunkwe rekwiżiti miftiehma fil-UNFCCC jew, safejn ikun possibbli, mar-rekwiżiti applikati għall-bastimenti kif stabbilit fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ('IMO') jew permezz ta' miżura tal-Unjoni li tindirizza l-emissjonijiet ta' GHG mit-trasport marittimu. Tali monitoraġġ u rapportar għandhom jippermettu li dawn l-emissjonijiet jinftieħmu aħjar u għandhom jappoġġjaw l-implimentazzjoni effettiva tal-politika.
- (14) L-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE wriet il-ħtieġa li jittejjbu t-trasparenza, il-preċiżjoni, il-konsistenza, il-kompletezza u l-komparabbiltà tal-informazzjoni rrappurtata dwar il-politiki, il-miżuri u l-projezzjonijiet. Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE titlob li l-Istati Membri jirrapportaw il-progress previst tagħhom lejn l-issodisfar tal-obbligi tagħhom skont dik id-Deċiżjoni, inkluż informazzjoni dwar il-politiki, il-miżuri u l-projezzjonijiet nazzjonali. L-istrateġija Ewropa 2020 tistabbilixxi aġenda ta' politika ekonomika integrata li titlob lill-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu aktar sforzi fuq ir-rapportar f'waqtu tal-politiki u l-miżuri relatati mat-tibdil fil-klima u l-effetti projettati tagħhom fuq l-emissjonijiet. Il-ħolqien ta' sistemi nazzjonali fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, flimkien ma' gwida aħjar dwar ir-rapportar, għandhom jikkontribwixxu b'mod sinjifikanti lejn dawk il-miri. Sabiex ikun żgurat li l-Unjoni

tissodisfa r-rekwiżiti tar-rapportar internazzjonali u interni tagħha fuq il-projezzjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tevalwa l-progress tagħha lejn l-issodisfar tal-impenji u l-obbligi internazzjonali u interni tagħha, il-Kummissjoni għandha wkoll tħejji u tuża l-estimi tal-projezzjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra.

- (15) Hemm il-ħtieġa ta' informazzjoni mtejba mill-Istati Membri għall-monitoraġġ tal-progress u l-azzjoni tagħhom sabiex jadattaw għat-tibdil fil-klima. Din l-informazzjoni hija meħtieġa sabiex titfassal strateġija komprensiva ta' adattament tal-Unjoni b'segwitu għall-White paper intitolata 'L-adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn qafas Ewropew għall-azzjoni'.¹⁹ Ir-rapportar tal-informazzjoni dwar l-adattament għandu jippermetti lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki u jevalwaw il-ħtiġijiet tagħhom u l-livell ta' tħejji biex jittrattaw it-tibdil fil-klima.
- (16) Skont id-Deċiżjoni 1/CP.15, l-Unjoni u l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jipprovdu finanzjament sostanzjali tal-klima sabiex jappoġġjaw l-azzjonijiet ta' adattament u mitigazzjoni fil-pajjiżi li qegħdin fil-fażi ta' żvilupp. Skont il-paragrafu 40 tad-Deċiżjoni 1/CP.16, kull pajjiż żviluppat li huwa Parti għall-UNFCCC għandu jtejjeb ir-rapportar dwar l-għoti ta' appoġġ finanzjarju, teknoloġiku u għall-bini tal-kapaċità lill-Partijiet li huma pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp. Ir-rapportar imtejjeb huwa essenzjali sabiex jiġu rikonoxxuti l-isforzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri sabiex jissodisfaw l-impenji tagħhom. Id-Deċiżjoni 1/CP.16 stabbilixxiet ukoll Mekkaniżmu ġdid ta' Teknoloġija sabiex jittejjeb it-trasferiment tat-teknoloġija internazzjonali. Dan ir-Regolament għandu jiżgura li tkun disponibbli informazzjoni aġġornata soda dwar l-attivitajiet ta' trasferiment tat-teknoloġija lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp.
- (17) Bħala riżultat tal-emendi li saru bis-saħħa tad-Direttiva 2008/101/KE²⁰, id-Direttiva 2003/87/KE issa qiegħda tapplika l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fi ħdan l-Unjoni ukoll għall-attivitajiet tal-avjazzjoni. Din id-Direttiva fiha dispożizzjonijiet dwar l-użu tad-dħul mill-irkant, dwar ir-rapportar fuq l-użu tad-dħul mill-irkant mill-Istati Membri, u dwar l-azzjonijiet meħuda għall-irkant tal-kwoti tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 3d(1) jew (2) ta' dik id-Direttiva, sabiex jiġi mmonitorjat li 100 % ta' dak id-dħul jew ammont ekwivalenti qiegħed jintuża għall-iskop ta' waħda jew aktar mill-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE. Bħala riżultat tal-emendi magħmula bid-Direttiva 2009/29/KE, id-Direttiva 2003/87/KE issa fiha wkoll rekwiżiti tar-rapportar dwar l-użu tad-dħul mill-irkant, li minnhom mill-inqas 50 % għandhom jintużaw għall-iskop ta' waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE. It-trasparenza dwar l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti skont id-Direttiva 2003/87/KE hija essenzjali biex issostni l-impenji tal-Unjoni. Ir-rapportar dwar l-użu ta' dak id-dħul għandu jipprovdi evidenza tal-ammonti realment mħallsa, ta' jekk id-dħul huwiex allokat għall-iżborż permezz ta' investimenti ta' proġetti diretti, fondi ta' investment jew politiki ta' appoġġ fiskali u finanzjarju, kif ukoll tat-tip u r-referenza ta' dawk il-politiki, proġetti jew fondi.

¹⁹ COM(2009) 147 finali.
²⁰ ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3.

- (18) Il-UNFCCC tobbliga lill-Unjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw, jaġġornaw regolarment, jippublikaw u jirrapportaw lill-Konferenza tal-Partijiet komunikazzjonijiet nazzjonali u rapporti ta' kull sentejn bl-użu tal-linji gwida, il-metodoloġiji u l-formati miftiehma mill-Konferenza tal-Partijiet. Id-Deċiżjoni 1/CP.16 titlob għal titjib fir-rapportar dwar il-miri ta' mitigazzjoni u dwar l-għoti ta' appoġġ finanzjarju, teknoloġiku u għall-bini tal-kapaċità lill-partijiet minn pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp.
- (19) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE kkonvertiet iċ-ċiklu attwali ta' rapportar annwali f'ċiklu ta' impenn annwali li jirrikjedi reviżjoni komprensiva tal-inventarji tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Istati Membri f'perjodu ta' żmien iqsar mir-reviżjoni attwali tal-inventarju tal-UNFCCC, sabiex ikun jista' jsir użu mill-flessibbiltajiet u l-applikazzjoni ta' azzjoni korrettiva fl-aħħar ta' kull sena rilevanti, kif ikun meħtieġ. Minħabba l-inċertezzi dwar l-iżviluppi futuri skont il-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto, jeħtieġ li jitwaqqaf proċess ta' reviżjoni fil-livell tal-Unjoni tal-inventarji tal-gassijiet b'effett ta' serra ppreżentati mill-Istati Membri bil-għan li jkun żgurat li l-konformità mal-obbligi skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tiġi vvalutata b'mod kredibbli, konsistenti, trasparenti u puntwali.
- (20) Bħalissa qegħdin jiġu diskussi fil-proċess tal-UNFCCC għadd ta' elementi tekniċi relatati mar-rapportar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar, bħall-Potenzjali ta' Tisħin Globali (Global Warming Potentials - GWPs), l-ambitu tal-gassijiet b'effett ta' serra rrapportati u gwida metodoloġika mill-IPCC li għandha tintuża għat-tnejn tal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra. Ir-reviżjonijiet ta' daww il-elementi metodoloġiċi fil-kuntest tal-proċess tal-UNFCCC u l-kalkoli mill-ġdid sussegwenti tas-serje taż-żmien tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra jistgħu jbiddu l-livell u x-xejriet tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja dawn l-iżviluppi f'livell internazzjonali u, fejn ikun meħtieġ, tipproponi li dan ir-Regolament jiġi rivedut sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-metodoloġiji li jintużaw fil-kuntest tal-proċess tal-UNFCCC.
- (21) L-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tul serje ta' żmien irrappurtat għandhom jiġu stmati bl-użu tal-istess metodi. Id-dejta tal-attivitajiet u l-fatturi tal-emissjonijiet sottostanti għandhom jinkisbu u jintużaw b'mod konsistenti, sabiex ikun żgurat li l-bidliet fix-xejriet tal-emissjonijiet ma jiġux introdotti bħala riżultat tal-bidliet fil-metodi jew is-suppożizzjonijiet tal-valutazzjoni. Il-kalkoli mill-ġdid għandhom isiru skont linji gwida miftiehma u għandhom jitwettqu bil-għan li jittejjbu l-konsistenza, il-preċiżjoni u l-kompletezza tas-serje ta' żmien irrappurtat, u l-implimentazzjoni ta' metodi aktar dettaljati. Meta jinbidlu l-metodoloġija jew il-mod li bihom jinġabru d-dejta tal-attivitajiet u l-fatturi tal-emissjonijiet sottostanti, l-Istati Membri għandhom jergħu jikkalkulaw l-inventarji għas-serje ta' żmien irrappurtat u jevalwaw il-ħtieġa għal kalkoli mill-ġdid ibbażati fuq ir-raġunijiet ipprovduti fil-linji gwida miftiehma, b'mod partikolari għall-kategoriji ewlenin. Dan ir-Regolament għandu jstabbilixxi jekk u taħt liema kundizzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati l-effetti ta' dawn il-kalkoli mill-ġdid.
- (22) L-avjazzjoni għandha impatt fuq il-klima globali minħabba d-dijossidu tal-karbonju (CO₂) li jiġi rilaxxat, iżda wkoll minħabba emissjonijiet u mekkaniżmi oħrajn, inklużi l-emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu u l-formazzjoni ta' sħab taċ-ċirru. Fid-dawl tal-għarfien xjentifiku li qiegħed jiżviluppa b'mod rapidu dwar dawn l-impatti,

għandha ssir valutazzjoni aġġornata regolari tal-impatti tal-avjazzjoni mhux relatati mas-CO₂ fuq il-klima globali fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

- (23) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) għandha l-għan li tappoġġja l-iżvilupp sostenibbli u li tgħin sabiex jinkiseb titjib sinjifikanti u li jista' jitkejjel fl-ambjent tal-Ewropa billi ttiprovdi informazzjoni f'waqtha, immirata, rilevanti u affidabbli lil dawk li jfasslu l-politika, lill-istituzzjonijiet pubbliċi u lill-pubbliku. L-EEA għandha tassisti lill-Kummissjoni, skont kif xieraq, fil-ħidma ta' monitoraġġ u ta' rapportar, speċjalment fil-kuntest tas-sistema tal-inventarju tal-Unjoni u s-sistema tal-projezzjonijiet, tal-politiki u tal-miżuri tagħha, fit-twettiq tar-reviżjoni esperta annwali tal-inventarji tal-Istati Membri, fl-evalwazzjoni tal-progress lejn l-impenji tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-impatti, il-vulnerabbiltà u l-adattament għat-tibdil fil-klima, u fil-komunikazzjoni ta' informazzjoni affidabbli dwar il-klima lill-pubbliku.
- (24) Il-Kummissjoni għandha ssegwi l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rapportar skont dan ir-Regolament u l-iżviluppi futuri skont il-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto sabiex tiżgura l-konsistenza. F'dan ir-rigward, fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tħassar jew temenda d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- (25) Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 20(5) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Sabiex jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' rapportar armonizzati għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u informazzjoni oħra rilevanti għall-politika dwar it-tibdil fil-klima, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, ir-rapportar tal-Istati Membri dwar l-LULUCF u t-trasport marittimu, is-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri, ir-reviżjoni esperta tad-dejta tal-inventarji tal-Istati Membri, ir-rekwiżiti dettaljati fuq il-kontenut, l-istruttura, il-format u l-proċessi tal-preżentazzjoni tar-rapportar tal-Istati Membri, kif ukoll ir-revoka u l-emendar ta' ċerti obbligi skont dan ir-Regolament. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell espert. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (26) Minħabba li l-oġġettivi tal-azzjoni proposta, kif stabbilit fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, ma jistgħux, min-natura tagħhom stess, jintlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx 'lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi,

Kapitolu 1

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu għal:

- (a) l-iżgurar tal-puntwalità, it-trasparenza, il-preċiżjoni, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tar-rapportar mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha lis-Segretarjat tal-UNFCCC;
- (b) ir-rapportar u l-verifika tal-informazzjoni relatata mal-impenji skont il-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto u mad-deċiżjonijiet adottati skonthom, u l-evalwazzjoni tal-progress lejn l-issodisfar ta' daww il-impenji;
- (c) il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet antropoġeniċi kollha minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar tal-gassijiet b'effett ta' serra mhux ikkontrollati mill-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu fl-Istati Membri;
- (d) il-monitoraġġ, ir-rapportar, ir-reviżjoni u l-verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u informazzjoni oħra skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE;
- (e) ir-rapportar tal-emissjonijiet ta' CO₂ mit-trasport marittimu;
- (f) il-monitoraġġ u r-rapportar tal-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkant ta' kwoti skont l-Artikolu 3d(1), (2) jew 10(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, skont l-Artikoli 3d(4) u 10(3) ta' dik id-Direttiva;
- (g) il-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri sabiex jadattaw għall-konsegwenzi inevitabbli tat-tibdil fil-klima;
- (h) l-evalwazzjoni tal-progress mill-Istati Membri lejn l-issodisfar tal-obbligi tagħhom skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE;
- (i) il-ġbir tal-informazzjoni u d-dejta meħtieġa sabiex jappoġġjaw il-formulazzjoni u l-valutazzjoni tal-politika futura tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għal:

- (a) l-istrateġiji tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha dwar strateġiji ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u kwalunkwe aġġornamenti tagħhom skont id-Deċiżjoni 1/CP.16;
- (b) l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I minn setturi u sorsi u tal-assorbiment minn bjar koperti mill-inventarji nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra skont l-Artikolu 4, il-paragrafu 1(a), tal-UNFCCC u rilaxxati ġewwa t-territorji tal-Istati Membri;
- (c) l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE;
- (d) l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn bastimenti tal-baħar li jidħlu fil-portijiet tal-Istati Membri;
- (e) l-impatti fuq il-klima mhux relatati mas-CO₂ assoċjati mal-emissjonijiet mill-avjazzjoni ċivili;
- (f) il-projezzjonijiet mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar, u l-politiki u l-miżuri tal-Istati Membri;
- (g) l-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku totali, speċifiku għall-proġetti u speċifiku għall-pajjiżi lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp;
- (h) l-użu tad-dħul mill-irkant ta' kwoti skont l-Artikoli 3d(1) u (2) u 10(1) tad-Direttiva 2003/87/KE;
- (i) l-azzjoni tal-Istati Membri fil-livelli nazzjonali u reġjonali sabiex jadattaw għat-tibdil fil-klima.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) 'potenzjal ta' tisħin globali' ta' gass tfisser il-kontribuzzjoni totali għat-tisħin globali li tirriżulta mill-emissjoni ta' unità waħda ta' dak il-gass relattiva għal unità waħda tal-gass ta' referenza, id-dijossidu tal-karbonju, li huwa assenjat valur ta' 1;
- (2) 'sistema ta' inventarju nazzjonali' tfisser sistema ta' arranġamenti istituzzjonali, legali u proċedurali stabbiliti fi Stat Membru għall-valutazzjoni

tal-emissjonijiet antropoġeniċi sorsi u tal-assorbiment minn bjar ta' gassijiet b'effett ta' serra mhux koperti mill-Protokoll ta' Montreal, u għar-rapportar u l-arkivjar ta' informazzjoni tal-inventarju skont id-Deċiżjoni 19/CMP.1 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto ('Deċiżjoni 19/CMP.1') jew deċiżjonijiet rilevanti oħrajn skont il-UNFCCC jew il-Protokoll ta' Kjoto;

- (3) 'awtoritajiet kompetenti fl-inventarju' tfisser kwalunkwe awtorità jew awtoritajiet fdati taħt is-sistema ta' inventarju nazzjonali ta' Stat Membru bir-responsabbiltà li jiġbru l-inventarju ta' gassijiet b'effett ta' serra;
- (4) 'assigurazzjoni tal-kwalità' jew 'QA' tfisser sistema ppjanata ta' proċeduri ta' reviżjoni sabiex ikun żgurat li l-oġettivi tal-kwalità tad-dejta jintlaħqu u li jiġu rrapportati l-aqwa estimi u informazzjoni possibbli bil-għan li tiġi sostnuta l-effettività tal-programm ta' kontroll tal-kwalità u tingħata għajnuna lill-Istati Membri;
- (5) 'kontroll tal-kwalità' jew 'QC' tfisser sistema ta' attivitajiet tekniċi li jsiru b'rutina sabiex titkejjel u tiġi kkontrollata l-kwalità tal-informazzjoni u l-estimi miġbura bil-għan li jiġu żgurati l-integrità, il-korrettezza u l-kompletezza tad-dejta, jiġu identifikati u indirizzati l-iżbalji u n-nuqqasijiet, jiġu ddokumentati u arkivjati d-dejta u kull materjal ieħor li jintuża, u jiġu rreġistrati l-attivitajiet kollha ta' QA;
- (6) 'indikatur' tfisser fattur jew varjabbli kwantitattiv jew kwalitattiv li jikkontribwixxi sabiex jinftiehem aħjar il-progress fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri u x-xejriet tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra;
- (7) 'unità tal-ammont assenjat' jew 'AAU' hija unità maħruġa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti fl-anness għad-Deċiżjoni 13/CMP.1 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto ('Deċiżjoni 13/CMP.1');
- (8) 'unità ta' tneħħija' jew 'RMU' tfisser unità maħruġa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti fl-Annex għad-Deċiżjoni 13/CMP.1 jew f'deċiżjonijiet rilevanti oħrajn tal-UNFCCC jew il-korpi tal-Protokoll ta' Kjoto;
- (9) 'unità ta' tnaqqis tal-emissjonijiet' jew 'ERU' tfisser unità maħruġa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti fl-anness għad-Deċiżjoni 13/CMP.1 u d-deċiżjonijiet rilevanti adottati skont il-UNFCCC jew il-Protokoll ta' Kjoto;
- (10) 'tnaqqis iċċertifikat tal-emissjonijiet' jew 'CER' tfisser unità maħruġa skont l-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kjoto u r-rekwiżiti tiegħu, kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti fl-anness għad-Deċiżjoni 13/CMP.1;
- (11) 'reġistru nazzjonali' tfisser reġistru fil-forma ta' bażi tad-dejta elettronika standardizzata li tinkludi dejta dwar il-ħruġ, iż-żamma, it-trasferiment, l-akkwist, il-kanċellazzjoni u l-irtirar tal-ERUs, is-CERs, l-AAUs u l-RMUs u r-riport tal-ERUs, is-CERs u l-AAUs;
- (12) 'politiki u miżuri' tfisser l-istrumenti politiċi, amministrattivi u leġiżlattivi kollha li huma maħsuba biex jimplimentaw l-impenji skont l-Artikolu 4, il-

paragrafi 2(a) u (b), tal-UNFCCC, inklużi dawk li ma għandhomx il-limitazzjoni u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra bħala objettiv primarju;

- (13) 'sistema nazzjonali għal politiki u miżuri u projezzjonijiet' tfisser sistema ta' arranġamenti istituzzjonali, legali u proċedurali stabbiliti fi Stat Membru għar-rapportar ta' politiki u miżuri u għat-tħejjija u r-rapportar tal-projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar kif mitlub mill-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament;
- (14) 'valutazzjoni ex-ante tal-politiki u l-miżuri' tfisser evalwazzjoni tal-effetti projettati għall-ġejjieni ta' politika jew miżura;
- (15) 'valutazzjoni ex-post tal-politiki u l-miżuri' tfisser evalwazzjoni tal-effetti ta' politika jew miżura fil-passat;
- (16) 'projezzjonijiet mingħajr miżuri' tfisser projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar li jeskludu l-effetti tal-politiki u l-miżuri kollha li huma pplanati, adottati jew implimentati wara s-sena magħżula bħala l-punt tat-tluq għall-projezzjoni rilevanti;
- (17) 'projezzjonijiet b'miżuri' tfisser projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar li jikkompjendu l-effetti, f'termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, tal-politiki u l-miżuri li ġew adottati u implimentati;
- (18) 'projezzjonijiet b'miżuri addizzjonali' tfisser projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar li jikkompjendu l-effetti, f'termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, tal-politiki u l-miżuri li ġew adottati u implimentati sabiex inaqqsu t-tibdil fil-klima, kif ukoll politiki u miżuri li huma pplanati;
- (19) 'analiżi tas-sensittività' tfisser investigazzjoni ta' algoritmu mudell jew suppożizzjoni li tikkwantifika kemm hija sensittiva jew stabbli d-dejta ta' output tal-mudell fir-rigward tal-varjazzjonijiet fid-dejta tal-input jew is-suppożizzjonijiet sottostanti. Hija titwettaq billi jiġu varjati l-valuri tal-input jew l-ekwazzjonijiet tal-mudell u jiġi osservat kif l-output tal-mudell ivarja b'mod korrispondenti;
- (20) 'għajnuna relatata mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima' tfisser sostenn għal attivitajiet fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp li jikkontribwixxu għall-objettiv li l-konċentrazzjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera jiġu stabbilizzati f'livell li jipprevjeni l-interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema tal-klima;
- (21) 'għajnuna relatata mal-adattament għat-tibdil fil-klima' tfisser sostenn għal attivitajiet fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp li huma intiżi biex inaqqsu l-vulnerabbiltà tas-sistemi umani jew naturali għall-impatt tat-tibdil fil-klima u r-riskji relatati mal-klima, billi jżommu jew iżidu l-kapaċità ta' adattament u reżistenza tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp;

- (22) 'korrezzjonijiet tekniċi' tisser aġġustamenti tal-estimi tal-inventarju nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra magħmula fil-kuntest tar-reviżjoni skont l-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament meta d-dejta tal-inventarju ppreżentata ma tkunx kompleta jew tkun qiegħda titħejja b'mod li ma jkunx konsistenti mar-regoli jew linji gwida internazzjonali jew tal-Unjoni u li huma intiżi biex jissostitwixxu l-estimi ppreżentati oriġinarjament;
- (23) 'kalkoli mill-ġdid', konsistenti mal-linji gwida ta' rapportar tal-UNFCCC dwar l-inventarji annwali, tisser proċedura għall-valutazzjoni mill-ġdid tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar ta' inventarji ppreżentati preċedement bħala konsegwenza ta' bidliet fil-metodoloġiji, bidliet fil-mod li bih jinkisbu u jintużaw il-fatturi tal-emissjonijiet u d-dejta dwar l-attivitajiet, jew l-inklużjoni ta' kategoriji ġodda ta' sorsi u ta' bjar.

Kapitolu 2

Strategġiji ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju

Artikolu 4

Strategġiji ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju

1. L-Istati Membri, u l-Kummissjoni f' isem l-Unjoni, għandhom ifasslu u jimplementaw strategġija ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju li tikkontribwixxi biex:
 - (a) il-monitoraġġ trasparenti u preċiż tal-progress attwali u dak projettat magħmul mill-Istati Membri, inkluż il-kontribut magħmul permezz tal-miżuri tal-Unjoni, sabiex jiġu ssodisfati l-impenji tal-Unjoni u tal-Istati Membri skont il-UNFCCC li jillimitaw jew inaqqsu l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra;
 - (b) l-issodisfar tal-impenji tal-Istati Membri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE u l-kisba tat-tnaqqis u t-titjib fit-tul tal-assorbiment minn bjar tal-emissjonijiet fis-setturi kollha b'konformità mal-objettiv tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjonijiet bi 80 sa 95 % sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, fil-kuntest tat-tnaqqis neċessarju, skont l-IPCC, mill-pajjiżi żviluppanti bħala grupp.
2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-istrategġija tagħhom ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew b'konformità ma' kwalunkwe skeda ta' żmien miftiehma internazzjonalment fil-kuntest tal-proċess tal-UNFCCC.
3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku minnufih l-istrategġiji rispettivi tagħhom ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u kwalunkwe aġġornamenti tagħhom.

Kapitolu 3

Rapportar dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti storiċi ta' gassijiet b'effett ta' serra

Artikolu 5

Sistemi ta' inventarju nazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, joperaw u jfittxu li jtejbu kontinwament sistemi ta' inventarju nazzjonali għall-valutazzjoni tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament, filwaqt li jiżguraw il-puntwalità, it-trasparenza, il-preċiżjoni, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-inventarji tagħhom tal-gassijiet b'effett ta' serra.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-inventarju kompetenti tagħhom ikollhom aċċess għal, kif ukoll li s-sistema ta' inventarju nazzjonali tagħhom tistabbilixxi li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandu jkollhom aċċess għal:
 - (a) id-dejta u l-metodi rrappurtati għal attivitajiet u installazzjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE għall-iskop tat-tnejjija tal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra irrappurtati skont l-iskema tal-Unjoni għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet u fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra;
 - (b) id-dejta miġbura permezz tas-sistemi ta' rapportar dwar il-gassijiet fluworinati fis-setturi varji, imwaqqfa skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 842/2006 għall-iskop tat-tnejjija tal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra;
 - (c) l-emissjonijiet, id-dejta u l-metodoloġiji sottostanti rrappurtati minn faċilitajiet skont ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 għall-iskop tat-tnejjija tal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra;
 - (d) id-dejta rrappurtata skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-inventarju kompetenti tagħhom, u li s-sistema ta' inventarju nazzjonali tagħhom tipprovi li l-awtoritajiet tal-inventarju kompetenti tagħhom:
 - (a) jagħmlu użu mis-sistemi ta' rapportar stabbiliti skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 842/2006 sabiex itejbu l-valutazzjoni tal-gassijiet fluworinati fl-inventarji tal-gassijiet b'effett ta' serra;

- (b) ikunu jistgħu jwettqu l-verifiki annwali tal-konsistenza msemija fil-punti (l) u (m) tal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament;

Artikolu 6

Sistema ta' inventarju tal-Unjoni

Hija stabbilita sistema ta' inventarju tal-Unjoni li tiżgura l-puntwalità, it-trasparenza, il-preċiżjoni, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-inventarji nazzjonali fir-rigward tal-inventarju ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tamministra, iżżomm u tfittex li kontinwament ittejjeb din is-sistema, li għandha tinkludi:

- (a) programm ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità, li għandu jinkludi l-iffissar ta' objettivi ta' kwalità u t-tfassil ta' pjan ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità tal-inventarji. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-programmi tagħhom ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità;
- (b) proċedura għall-istima, f'konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, ta' kwalunkwe dejta nieqsa mill-inventarju nazzjonali tiegħu;
- (c) reviżjoni esperta annwali tal-inventarji tal-Istati Membri ta' gassijiet b'effett ta' serra.

Artikolu 7

Inventarji tal-gassijiet b'effett ta' serra

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jirrapportaw lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Jannar ta' kull sena ('sena X'):
 - (a) l-emissjonijiet antropoġeniċi tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament u l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra msemija fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għas-sena X-2. Mingħajr preġudizzju għar-rapportar tal-gassijiet b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament, l-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju (CO₂) mill-kategorija tas-sors ta' IPCC '1.A.3.A l-avjazzjoni ċivili' għandhom jitqiesu bħala ugwali għal zero għall-finijiet tal-Artikoli 3 u 7(1) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE;
 - (b) id-dejta dwar l-emissjonijiet antropoġeniċi tagħhom ta' monossidu tal-karbonju (CO), diossidu tal-karbonju (SO₂), ossidi tan-nitroġenu (NO_x) u komposti organiċi volatili (VOC) kif irrappurtati wkoll skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2001/81/KE, għas-sena X-2;
 - (c) l-emissjonijiet antropoġeniċi tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbimenti ta' CO₂ minn bjar li jirriżultaw mil-LULUCF, għas-sena X-2;

- (d) l-emissjonijiet antropoġeniċi tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbimenti ta' CO₂ minn bjar, li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-LULUCF skont il-Protokoll ta' Kjoto u l-informazzjoni dwar il-kontabbiltà ta' dawn l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u l-assorbimenti mill-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u attivitajiet ta' forestrija, skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 3 u, meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħmlu użu minnu, l-Artikolu 3, il-paragrafu 4 tal-Protokoll ta' Kjoto, u d-deċiżjonijiet rilevanti fih, għas-snin bejn l-2008 u X-2. L-Istati Membri li huma responsabbli għall-ġestjoni tal-art ikkultivata, il-ġestjoni tal-art għall-mergħa jew il-veġetazzjoni mill-ġdid skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 4, tal-Protokoll ta' Kjoto għandhom barra minn hekk jirrapportaw l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbimenti minn bjar għal kull attività bħal din għas-sena 1990;
- (e) kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (d) għas-snin bejn l-1990 u s-sena X-3, fejn għandhom jiġu indikati r-raġunijiet għal dawn il-bidliet;
- (f) informazzjoni dwar l-indikaturi, għas-sena X-2;
- (g) informazzjoni mir-reġistru nazzjonali tiegħu dwar il-ħruġ, l-akkwist, iż-żamma, it-trasferiment, il-kanċellazzjoni, l-irtirar u r-riport tal-AAUs, l-RMUs, l-ERUs u s-CERs, għas-sena X-1;
- (h) informazzjoni sommarja dwar trasferimenti konklużi skont l-Artikolu 3(4) u (5) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, għas-sena X-1;
- (i) informazzjoni dwar l-użu ta' implimentazzjoni konġunta, il-mekkaniżmu ta' żvilupp nadif u l-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet internazzjonali, skont l-Artikoli 6, 12 u 17 tal-Protokoll ta' Kjoto, jew kwalunkwe mekkaniżmu flessibbli ieħor stabbilit fi strumenti oħrajn adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto, sabiex jissodisfaw l-impenji kkwantifikati tagħhom tal-limitazzjoni jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 2002/358/KE²¹ u l-Protokoll ta' Kjoto jew kwalunkwe impenji futuri skont il-UNFCCC jew il-Protokoll ta' Kjoto, għas-sena X-2;
- (j) informazzjoni dwar il-passi meħuda sabiex jittejjbu l-estimi tal-inventarju, b'mod partikolari f'oqsma tal-inventarju li kienu soġġetti għal aġġustamenti jew rakkomandazzjonijiet wara reviżjonijiet esperti;
- (k) l-allokkazzjoni attwali jew stmata tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati minn installazzjonijiet u operaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE għall-kategoriji tas-sors tal-inventarju nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-proporzjon ta' daww l-emissjonijiet ivverifikati għall-emissjonijiet totali rrapportati ta' gassijiet b'effett ta' serra f'dawn il-kategoriji tas-sors, għas-sena X-2;
- (l) ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa fuq il-konsistenza tal-emissjonijiet irrappurtati fl-inventarji ta' gassijiet b'effett ta' serra, għas-sena X-2, flimkien ma':

²¹ ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1.

- (i) l-emissjonijiet ivverifikati rrappurtati skont id-Direttiva 2003/87/KE;
 - (ii) l-emissjonijiet fil-livell tal-faċilità rrappurtati skont ir-Regolament (KE) Nru 166/2006;
- (m) ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa fuq il-konsistenza tal-attività, id-dejta ta' sfond u s-suppożizzjonijiet li jintużaw għall-istima tal-emissjonijiet fit-tħejjija tal-inventarji ta' gassijiet b'effett ta' serra, għas-sena X-2, flimkien ma':
- (i) id-dejta u s-suppożizzjonijiet li jintużaw biex jitħejjew l-inventarji tas-sustanzi li jniġġsu l-arja skont id-Direttiva 2001/81/KE;
 - (ii) id-dejta rrappurtata skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 842/2006;
 - (iii) id-dejta dwar l-enerġija rrappurtata skont l-Artikolu 4 u l-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008;
- (n) deskrizzjoni ta' kwalunkwe bidliet fis-sistema tal-inventarju nazzjonali tagħhom;
- (o) deskrizzjoni ta' kwalunkwe bidliet fir-reġistru nazzjonali;
- (p) kwalunkwe elementi oħrajn tar-rapport tal-inventarju nazzjonali ta' gassijiet b'effett ta' serra meħtieġa sabiex jitħejja r-rapport tal-inventarju tal-Unjoni ta' gassijiet b'effett ta' serra, bħal informazzjoni dwar il-pjan ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità tal-Istati Membri, evalwazzjoni ġenerali tal-inċertezzi u valutazzjoni ġenerali tal-kompletezza.

Fl-ewwel sena ta' rapportar skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 3(4) u (5) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Marzu ta' kull sena, rapport komplet u aġġornat tal-inventarju nazzjonali. Dan ir-rapport għandu jkun fih l-informazzjoni kollha stipulata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u kull aġġornament sussegwenti għal dik l-informazzjoni;
3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lis-Segretarjat tal-UNFCCC, sal-15 ta' April ta' kull sena, inventarji nazzjonali li jkun fihom informazzjoni identika għal dik ippreżentata lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
4. Il-Kummissjoni għandha, kull sena u b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tiġbor inventarju tal-Unjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra u rapport tal-inventarju tal-Unjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra, u tippreżentahom lis-Segretarjat tal-UNFCCC kull sena sal-15 ta' April.
5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament sabiex:

- (a) iżżid jew tħassar sustanzi fi jew mil-lista ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-Anness I għal dan ir-Regolament;
- (b) tistabbilixxi rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rapportar fuq l-LULUCF, skont kwalunkwe ftehim internazzjonali ġdid jew att leġiżlattiv adottat f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

Artikolu 8

Inventarji tal-gassijiet b'effett ta' serra approssimizzati

L-Istati Membri għandhom, sal-31 ta' Lulju ta' kull sena ('sena X'), jippreżentaw lill-Kummissjoni l-inventarji tal-gassijiet b'effett ta' serra approssimizzati għas-sena X-1. Il-Kummissjoni għandha, kull sena, abbażi tal-inventarji tal-gassijiet b'effett ta' serra approssimizzati tal-Istati Membri jew, fejn neċessarju, abbażi tal-estimi tagħha stess, tiġbor inventarju tal-Unjonital-gassijiet b'effett ta' serra approssimizzati. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku kull sena sat-30 ta' Settembru.

Artikolu 9

Proċeduri għat-twettiq tal-estimi tal-emissjonijiet

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq verifika inizjali tad-dejta ppreżentata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament għall-kompletezza u l-problemi potenzjali. Hija għandha tibgħat ir-riżultati lill-Istati Membri fi żmien 6 ġimgħat mid-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni. L-Istati Membri għandhom iwieġbu għal kwalunkwe mistoqsija mqajma mill-verifika inizjali sal-15 ta' Marzu, flimkien mal-preżentazzjoni finali tal-inventarju għas-sena X-2.
2. Meta Stat Membru ma jwieġibx għall-mistoqsijiet imqajma mill-Kummissjoni jew ma jippreżentax l-estimi sħaħ tal-inventarju li huma meħtieġa għall-ġbir tal-inventarju tal-Unjoni sal-15 ta' Marzu, il-Kummissjoni għandha ttejjji l-estimi li jridu jintużaw minflok l-estimi rilevanti fl-inventarju tal-Istat Membru. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tuża metodi konsistenti mal-linji gwida applikabbli għat-tfassil tal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra.

Artikolu 10

Rapportar dwar l-emissjonijiet ta' CO₂ mit-trasport marittimu

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta att iddelegat skont l-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament sabiex tispeċifika r-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet ta' CO₂ mit-trasport marittimu fir-rigward ta' bastimenti tal-baħar li jidħlu fil-portijiet tal-Istati Membri. Ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rapportar adottati għandhom ikunu konsistenti mar-rekwiżiti miftiehma fil-UNFCCC u, safejn ikun possibbli, mar-rekwiżiti applikati għall-bastimenti fil-kuntest tal-IMO jew

permezz ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tindirizza l-emissjonijiet ta' GHG mit-trasport marittimu. Safejn ikun possibbli, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rapportar għandhom jimminimizzaw il-piż tax-xoġhol tal-Istati Membri, inkluż permezz tal-użu tal-ġbir u l-manutenzjoni ta' dejta ċentralizzata.

2. Meta att ikun ġie adottat skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jirrapportaw lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Jannar ta' kull sena ('sena X') għas-sena X-2, l-emissjonijiet ta' CO₂ mit-trasport marittimu skont dak l-att.

Kapitolu 4

Reġistri

Artikolu 11

L-istabbiliment u l-operat tar-reġistri

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu reġistri biex iżommu rendikont preċiż tal-ħruġ, iż-żamma, it-trasferiment, l-akkwist, il-kanċellazzjoni u l-irtirar tal-AAUs, l-RMUs, l-ERUs u s-CERs u r-riport tal-AAUs, l-RMUs, l-ERUs u s-CERs. L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw dawn ir-reġistri sabiex iżommu rendikont preċiż tal-unitajiet imsemmija fl-Artikolu 11a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE.
2. L-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jżommu r-reġistri tagħhom f'sistema kkonsolidata, flimkien ma' wieħed jew aktar mill-Istati Membri l-oħrajn.
3. Id-dejta msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli għall-amministratur ċentrali maħtur skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE.
4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta att iddelegat skont l-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament sabiex tistabbilixxi r-reġistru tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 12

L-irtirar tal-unitajiet skont il-Protokoll ta' Kjoto

1. L-Istati Membri għandhom, wara t-tlestija tar-reviżjoni tal-inventarji nazzjonali tagħhom skont il-Protokoll ta' Kjoto għal kull sena tal-ewwel perjodu ta' impenn skont il-Protokoll ta' Kjoto, inkluż ir-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni ta' implimentazzjoni, jirtiraw mir-reġistru l-AAUs, l-RMUs, l-ERUs u s-CERs ekwivalenti għall-emissjonijiet netti tagħhom matul dik is-sena.
2. Fir-rigward tal-aħħar sena tal-perjodu ta' impenn skont il-Protokoll ta' Kjoto, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-unitajiet mir-reġistru qabel it-tmiem tal-perjodu

addizzjonali għall-issodisfar tal-impenji stabbiliti fid-Deċiżjoni 11/CMP.1 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto.

Kapitolu 5

Ir-rapportar dwar politiki u miżuri u dwar projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u dwar l-assorbiment minn bjar

Artikolu 13

Is-sistemi nazzjonali għal politiki, miżuri u projezzjonijiet

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jistabbilixxu, sa sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, joperaw u jfittxu li jtejbu kontinwament is-sistemi nazzjonali għar-rapportar dwar politiki u miżuri u għat-tnejn u r-rapportar dwar il-projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar. Dawn is-sistemi nazzjonali għandhom jinkludu l-arranġamenti istituzzjonali, legali u proċedurali kollha stabbiliti fi Stat Membru u l-Unjoni għall-evalwazzjoni tal-politika u għat-tweġiq ta' projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar.
2. Huma għandhom jimmiraw li jiżguraw il-puntwalità, it-trasparenza, il-preċiżjoni, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni rrapportata dwar il-politiki u l-miżuri u l-projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar, kif imsemmi fl-Artikoli 14 u 15 ta' dan ir-Regolament, inklużi l-użu u l-applikazzjoni tad-dejta, tal-metodi u tal-mudelli, u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità, kif ukoll l-analiżi tas-sensittività.

Artikolu 14

Rapportar dwar politiki u miżuri

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Marzu ta' kull sena ('is-sena X'), b'dawn li ġejjin:
 - (a) deskrizzjoni tas-sistema nazzjonali tagħhom għar-rapportar dwar il-politiki u l-miżuri u għat-tnejn u r-rapportar dwar il-projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar skont l-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament, jew informazzjoni dwar kwalunkwe bidliet magħmula f'dik is-sistema fejn diġà tkun ġiet ipprovduta deskrizzjoni bħal din;

- (b) kwalunkwe informazzjoni jew aġġornamenti addizzjonali rilevanti għall-istrateġiji tagħhom ta' żvilupp b'livell baxx ta' karbonju msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament u l-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji;
- (c) informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri nazzjonali, u dwar l-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri tal-Unjoni li jillimitaw jew inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi jew li jsaħħu l-assorbiment minn bjar, ippreżentata fuq bażi settorjali għal kull gassijiet b'effett ta' serra msemmi fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Din l-informazzjoni għandha tagħmel referenzi għall-politiki nazzjonali jew tal-Unjoni applikabbli, partikolarment dawk dwar il-kwalità tal-arja, u għandha tinkludi:
- (i) l-oġettiv tal-politika jew tal-miżura u deskrizzjoni qasira tal-politika jew tal-miżura;
 - (ii) it-tip ta' strument tal-politika;
 - (iii) l-istatus tal-implimentazzjoni;
 - (iv) l-indikaturi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress matul iż-żmien;
 - (v) l-estimi kwantitattivi tal-effetti fuq l-emissjonijiet minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar ta' gassijiet b'effett ta' serra maqsuma fi:
 - ir-riżultati tal-valutazzjoni ex-ante tal-effetti ta' kull politika u miżura. L-estimi għandhom jiġu pprovduti għal sekwenza ta' 4 snin futuri li jintemmu b'0 jew 5 immedjatament wara s-sena X, b'distinzzjoni bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra koperti mid-Direttiva 2003/87/KE u dawk koperti mid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE;
 - ir-riżultati tal-valutazzjoni ex-post tal-effetti ta' kull politika u miżura fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, meta jkunu disponibbli, b'distinzzjoni bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra koperti mid-Direttiva 2003/87/KE u dawk koperti mid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.
 - (vi) estimi tal-ispejjeż projettati tal-politiki u l-miżuri, kif ukoll estimi, kif ikun xieraq, tal-ispejjeż realizzati tal-politiki u l-miżuri;
 - (vii) ir-referenzi kollha għall-valutazzjoni u r-rapporti tekniċi ta' sostenn imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;
- (d) informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri implimentati jew ippjanati li huma maħsuba biex jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti u informazzjoni dwar il-proċeduri nazzjonali ta' konformità u infurzar;
- (e) l-informazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE;

- (f) informazzjoni dwar kemm l-azzjoni tal-Istat Membru tikkostitwixxi element sinjifikanti tal-isforzi li jsiru fil-livell nazzjonali, kif ukoll dwar kemm l-użu projettat tal-implimentazzjoni konġunta, il-mekkaniżmu ta' żvilupp nadif u n-negożjar tal-emissjonijiet internazzjonali huwa supplimentari għal azzjoni domestika skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll ta' Kjoto u d-deċiżjonijiet adottati taħtu.
2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, f'forma elettronika, kwalunkwe valutazzjoni tal-ispejjeż u l-effetti tal-politiki u l-miżuri nazzjonali, u kwalunkwe informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri tal-Unjoni li jillimitaw jew inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi jew li jsaħħu l-assorbiment minn bjar, flimkien ma' kwalunkwe rapport tekniku li jsostni dawn il-valutazzjonijiet. Dawn għandhom jinkludu deskrizzjonijiet tal-mudelli u l-approċċi metodoloġiċi użati, definizzjonijiet u suppożizzjonijiet sottostanti.

Artikolu 15

Rapportar dwar il-projezzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Marzu ta' kull sena ('sena X'), il-projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar, organizzati skont it-tip ta' gass u skont is-settur. Dawk il-projezzjonijiet għandhom jinkludu estimi kwantitattivi għal sekwenza ta' 4 snin futuri li jintemmu b'0 jew 5 immedjatament wara s-sena X. Il-projezzjonijiet nazzjonali għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni kwalunkwe politiki u miżuri adottati fil-livell tal-Unjoni u jkun jinkludu:
- (a) projezzjonijiet mingħajr miżuri, projezzjonijiet b'miżuri u projezzjonijiet b'miżuri addizzjonali;
 - (b) projezzjonijiet totali ta' gassijiet b'effett ta' serra u estimi separati għall-emissjonijiet projettati ta' gassijiet b'effett ta' serra għas-sorsi tal-emissjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE u mid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE;
 - (c) identifikazzjoni ċara tal-politiki u l-miżuri nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni inklużi fil-projezzjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar. Meta t-tali politiki u miżuri ma jkunux inklużi, dan għandu jiġi ddikjarat u spjegat b'mod ċar;
 - (d) ir-riżultati tal-analiżi tas-sensittività mwettqa għall-projezzjonijiet;
 - (e) ir-referenzi kollha rilevanti għall-valutazzjoni u r-rapporti tekniċi li jsostnu dawn il-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.
2. Meta Stat Membru ma jippreżentax estimi kompleti tal-projezzjoni sal-15 ta' Marzu ta' kull sena, il-Kummissjoni tista' tħejji l-estimi meħtieġa sabiex jinġabru l-projezzjonijiet tal-Unjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, f'forma elettronika, il-projezzjonijiet nazzjonali tagħhom tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar, flimkien ma' kwalunkwe rapport tekniku li jsostni dawn il-projezzjonijiet. Dawn għandhom jinkludu deskrizzjonijiet tal-mudelli u l-approċċi metodoloġiċi użati, definizzjonijiet u suppożizzjonijiet sottostanti.

Kapitolu 6

Ir-rapportar dwar informazzjoni oħra rilevanti għat-tibdil fil-klima

Artikolu 16

Ir-rapportar dwar l-azzjonijiet nazzjonali ta' adattament

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Marzu ta' kull sena, informazzjoni dwar l-azzjonijiet implimentati jew ippjanati tagħhom sabiex jadattaw għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari, dwar l-istrateġiji nazzjonali jew reġjonali ta' adattament u dwar il-miżuri ta' adattament. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-allokazzjoni baġitarja skont is-settur tal-politika u, għal kull miżura ta' adattament, l-oġettiv prinċipali, it-tip ta' strument, l-istatus tal-implimentazzjoni u l-kategorija tal-impatt tat-tibdil fil-klima (bħal għargħar, żieda fil-livell tal-baħar, temperaturi estremi, nixfiet u avvenimenti ta' temp estremi).

Artikolu 17

Ir-rapportar dwar l-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku pprovdut lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp

L-Istati Membri għandhom, fuq il-bażi tal-aħjar dejta disponibbli, jirrapportaw lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Marzu ta' kull sena ('sena X'):

- (a) informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju impenjat u mogħti lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp skont il-UNFCCC għas-sena X-1, dwar l-appoġġ finanzjarju impenjat għas-sena X u dwar l-għoti ta' appoġġ ippjanat. L-informazzjoni rrapportata għandha tinkludi:
- (i) informazzjoni dwar jekk ir-riżorsi finanzjarji pprovduti mill-Istat Membru lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp humiex ġodda u addizzjonali fil-kuntest tal-UNFCCC u kif dan ġie kkalkolat;
 - (ii) informazzjoni dwar kwalunkwe riżorsi finanzjarji allokatu mill-Istat Membru relatati mal-implimentazzjoni tal-UNFCCC skont it-tip ta' mezz, bħal mezz bilaterali, reġjonali jew multilaterali oħrajn;
 - (iii) informazzjoni kwantitattiva dwar il-flussi finanzjarji abbażi tal-hekk imsejħa "Markaturi ta' Rio [Rio markers] għall-ghajjnuna relatata mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u mal-ghajjnuna relatata

mal-adattament għat-tibdil fil-klima" (il-‘markaturi ta’ Rio’) introdotti mill-Grupp ta’ Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD u informazzjoni metodoloġika dwar l-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-markaturi ta’ Rio għat-tibdil fil-klima;

- (iv) informazzjoni dettaljata dwar l-għajnuna pprovduta kemm mis-settur pubbliku kif ukoll mis-settur privat, skont kif xieraq, lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima sabiex jadattaw għal dawk l-effetti tat-tibdil fil-klima;
 - (v) informazzjoni dettaljata dwar l-għajnuna pprovduta kemm mis-settur pubbliku kif ukoll mis-settur privat, skont kif xieraq, lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra;
- (b) informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Istat Membru relatati mat-trasferiment tat-teknoloġija lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp skont il-UNFCCC u dwar it-teknoloġiji trasferiti għas-sena X-1, informazzjoni dwar l-attivitajiet ipplanati relatati mat-trasferiment tat-teknoloġija lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp skont il-UNFCCC u dwar it-teknoloġiji li għandhom jiġu trasferiti għas-sena X u għas-snin sussegwenti. Din għandha tinkludi informazzjoni dwar jekk it-teknoloġija ttrasferita ntużatx għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima, il-pajjiż riċevitur, l-ammont ta' appoġġ ipprovdut, u t-tip ta' teknoloġija trasferita.

Artikolu 18

Ir-rapportar dwar l-użu tad-dħul mill-irkant u l-kreditu tal-proġett

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Marzu ta' kull sena ('sena X') għas-sena X-1:
 - (a) ġustifikazzjoni dettaljata kif imsemmi fl-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE;
 - (b) informazzjoni dwar l-użu tad-dħul matul is-sena X-1 iġġenerat mill-Istat Membru permezz tal-irkant ta' kwoti skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/87/KE. Din l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll informazzjoni speċifika u dettaljata dwar l-użu ta' 50 % tad-dħul, u l-azzjoni meħuda li tirriżulta, li tispeċifika l-kategorija ta' tali azzjonijiet meħuda skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE u li tindika l-pajjiż jew reġjun benefiċjarju rilevanti;
 - (c) informazzjoni dwar l-użu tad-dħul kollu ġġenerat mill-Istat Membru permezz tal-irkant ta' kwoti tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 3d(1) jew (2) tad-Direttiva 2003/87/KE;

- (d) l-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE u informazzjoni dwar kif il-politika tax-xiri tagħhom issaħħaħ il-kisba ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima.
2. Għall-Istati Membri li jagħżlu li jużaw ammont ekwivalenti għad-dħul iġġenerat mill-irkant għall-iskopijiet skont l-Artikolu 3d(4) u 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, ir-rekwiżiti fil-punti (b) u (ċ) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu japplikaw għal dan l-ammont.
 3. Id-dħul mill-irkant mhux imħallas fiż-żmien li Stat Membru jippreżenta rapport lill-Kummissjoni skont dan l-Artikolu għandu jiġi kkwantifikat u rrapportat f'rapporti għas-snin sussegwenti.
 4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku r-rapporti ppreżentati lill-Kummissjoni skont dan l-Artikolu.

Artikolu 19

Rapporti ta' kull sentejn u komunikazzjonijiet nazzjonali

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapporti kull sentejn skont id-Deċiżjoni 1/CP.16 u komunikazzjonijiet nazzjonali skont l-Artikolu 12 tal-UNFCCC lis-Segretarjat tal-UNFCCC.
2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw ukoll komunikazzjonijiet nazzjonali u rapporti ta' kull sentejn lill-Kummissjoni.

Kapitolu 7

Ir-reviżjoni esperta tal-Unjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra

Artikolu 20

Ir-reviżjoni esperta tal-inventarju

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni esperta inizjali tad-dejta tal-inventarju nazzjonali ppreżentata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament sabiex tiddetermina l-allokkazzjoni annwali ta' emissjonijiet stabbilita fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.
2. Billi tibda bid-dejta rrapportata għas-sena 2013, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni esperta annwali tad-dejta tal-inventarju nazzjonali ppreżentata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament bil-għan li timmonitorja l-kisba mill-Istati Membri tat-tnaqqis jew il-limitazzjoni tagħhom tal-gassijiet b'effett ta' serra skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, u kwalunkwe miri oħrajn

ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

3. Ir-reviżjonijiet esperti inizjali u annwali għandhom jinvolvu:
 - (a) kontrolli li jivverifikaw it-trasparenza, il-preċiżjoni, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni ppreżentata;
 - (b) kontrolli li jidentifikaw dawk il-każijiet fejn id-dejta tal-inventarju titħejja b'mod inkonsistenti mad-dokumentazzjoni ta' gwida tal-UNFCCC jew mar-regoli tal-Unjoni; u
 - (c) fejn xieraq, kalkolu tal-korrezzjonijiet tekniċi meħtieġa li jirriżultaw.
4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament sabiex tiddetermina r-regoli għat-tweġiq tar-reviżjonijiet esperti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, inklużi l-kompiti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina s-somma totali ta' emissjonijiet għas-sena rilevanti li jirriżultaw mid-dejta tal-inventarju kkorreġuta għal kull Stat Membru mat-tlestija tar-reviżjoni annwali rilevanti.
6. Id-dejta għal kull Stat Membru kif irreġistrata fir-reġistri stabbiliti skont l-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE u l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE fid-data li taħbat xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, inklużi l-bidliet fid-dejta li joriġinaw bħala riżultat ta' dak l-Istat Membru li jagħmel użu mill-flessibbiltajiet minn dak l-Istat Membru skont l-Artikoli 3 u 5 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, għandhom ikunu rilevanti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

Artikolu 21

L-indirizzar tal-effetti tal-kalkoli mill-ġdid

1. Meta titlesta r-reviżjoni esperti annwali tad-dejta tal-inventarju relatata mas-sena 2020 skont l-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tikkalkula, skont il-formula stabbilita fl-Anness II għal dan ir-Regolament, is-somma kkalkulata mill-ġdid tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għal kull Stat Membru.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31(2) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tuża, fost l-oħrajn, is-somma kkalkulata mill-ġdid imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu meta tippromovi l-miri għat-tnaqqis jew il-limitazzjonijiet tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru għall-perjodu wara l-2020 skont l-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.
3. Il-Kummissjoni għandha minnufih tippubblika r-riżultati tal-kalkoli magħmula skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Kapitolu 8

L-evalwazzjoni tal-progress lejn l-impenji tal-Unjoni u lejn daww internazzjonali

Artikolu 22

L-evalwazzjoni tal-progress

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa kull sena, abbażi tal-informazzjoni rrapportata fl-Artikoli 7, 8, 11 u 15 sa 18 ta' dan ir-Regolament, u b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, il-progress magħmul mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha sabiex jiġu ssodisfati dawn li ġejjin, bil-għan li jiġi ddeterminat jekk sarx biżżejjed progress:
 - (a) l-impenji skont l-Artikolu 4 tal-UNFCCC u l-Artikolu 3 tal-Protokoll ta' Kjoto kif stabbilit fid-deċiżjonijiet adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, jew mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto;
 - (b) l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.
2. Il-Kummissjoni kull sentejn għandha tevalwa l-impatt ġenerali tal-avjazzjoni fuq il-klima globali, inkluż permezz ta' emissjonijiet mhux tas-CO₂, bħal emissjonijiet minn ossidi tan-nitroġenu, u l-effetti, bħall-formazzjoni ta' sħab taċ-ċirru, abbażi tad-dejta dwar l-emissjonijiet ipprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, u ttejjeb din il-kwantifikazzjoni permezz ta' referenza għall-avvanzi xjentifiċi u d-dejta dwar it-traffiku tal-ajru, kif ikun xieraq.
3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li jiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet ipprovduti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena.

Artikolu 23

Ir-rapport dwar il-perjodu addizzjonali għall-issodisfar tal-impenji skont il-Protokoll ta' Kjoto

L-Unjoni u kull Stat Membru għandhom jippreżentaw rapport lis-Segretarjat tal-UNFCCC dwar il-perjodu addizzjonali għall-issodisfar tal-impenji msemmija fil-paragrafu 3 tad-Deċiżjoni 13/CMP.1 fl-iskadenza ta' dak il-perjodu.

Kapitolu 9

Kooperazzjoni u appoġġ

Artikolu 24

Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Unjoni

L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jikkooperaw u jikkoordinaw bis-sħiħ ma' xulxin fir-rigward tal-obbligi skont dan ir-Regolament dwar:

- (a) il-ġbir tal-inventarju tal-Unjoni dwar il-gassijiet b'effett ta' serra u tar-rapport dwar l-inventarju tal-Unjoni dwar il-gassijiet b'effett ta' serra, skont l-Artikolu 7(4) ta' dan ir-Regolament;
- (b) it-tnejn tal-komunikazzjoni nazzjonali tal-Unjoni skont l-Artikolu 12 tal-UNFCCC u tar-rapport ta' kull sentejn skont id-Deċiżjoni 1/CP.16;
- (c) il-proċeduri tar-reviżjoni u tal-konformità skont il-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto b'konformità ma' kwalunkwe deċiżjoni applikabbli skont il-UNFCCC jew il-Protokoll ta' Kjoto, kif ukoll il-proċedura tal-Unjoni li tirrevedi l-inventarji tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;
- (d) kwalunkwe aġġustamenti skont l-Artikolu 5, il-paragrafu 2 tal-Protokoll ta' Kjoto jew li jsegwu l-proċess ta' reviżjoni tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament, jew bidliet oħrajn fl-inventarji u fir-rapporti tal-inventarji ppreżentati, jew li għandhom jiġu ppreżentati, lis-Segretarjat tal-UNFCCC;
- (e) il-ġbir tal-inventarju tal-Unjoni dwar il-gassijiet b'effett ta' serra approssimizzati, skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament;
- (f) ir-rapportar fir-rigward tal-irtirar tal-AAUs, is-CERs, l-ERUs jew l-RMUs wara l-perjodu addizzjonali msemmi fil-paragrafu 14 tad-Deċiżjoni 13/CMP.1 għall-issodisfar tal-impenji skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 1, tal-Protokoll ta' Kjoto.

Artikolu 25

Ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tgħin lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha sabiex tikkonforma mal-Artikoli 6 sa 10, 13 sa 20, 22 u 23 ta' dan ir-Regolament b'konformità mal-programm ta' ħidma annwali tagħha. Din għandha tinkludi għajnuna fil-kompiti li ġejjin:

- (a) il-ġbir tal-inventarju tal-Unjoni dwar il-gassijiet b'effett ta' serra u t-tnejn tar-rapport tal-inventarju tal-Unjoni dwar il-gassijiet b'effett ta' serra;
- (b) it-twettiq ta' proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità sabiex jiġi l-inventarju tal-Unjoni dwar il-gassijiet b'effett ta' serra;
- (c) it-tnejn tal-estimi għad-dejta mhux irrapportata fl-inventarji nazzjonali dwar il-gassijiet b'effett ta' serra;
- (d) it-twettiq ta' reviżjoni tal-esperti annwali ;
- (e) il-ġbir tal-inventarju tal-Unjoni dwar il-gassijiet b'effett ta' serra approssimizzati;
- (f) il-ġbir tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri dwar projezzjonijiet u politiki u miżuri;
- (g) it-twettiq ta' proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità fuq l-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri dwar projezzjonijiet u politiki u miżuri;
- (h) it-tnejn tal-estimi għad-dejta dwar il-projezzjonijiet mhux irrapportata mill-Istati Membri;
- (i) il-ġbir tad-dejta meħtieġa għar-rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill imħejji mill-Kummissjoni;
- (j) it-tixrid tal-informazzjoni miġbura skont dan ir-Regolament, inkluż iż-żamma u l-aġġornar ta' bażi tad-dejta dwar il-politiki u l-miżuri ta' mitigazzjoni tal-Istati Membri, u ċentru ta' kklerjar [*clearinghouse*] għall-impatti, il-vulnerabbiltajiet u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Kapitolu 10

Delegazzjoni

Artikolu 26

Ir-rekwiżiti dettaljati tar-rapportar

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament sabiex tistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-rapportar, inklużi regoli dwar il-kontenut, l-istruttura, il-format u l-proċessi tal-preżentazzjoni għar-rapportar tal-informazzjoni mill-Istati Membri skont l-Artikoli 4, 5, 7, 8 u 13 sa 19 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 27

Ir-rekwiziti dwar is-sistemi nazzjonali

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament sabiex tistabbilixxi rekwiżiti dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-funzjonament tas-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri skont l-Artikoli 5 u 13 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 28

Tħassir jew emendar tal-obbligi

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament sabiex tħassar l-Artikoli 4 sa 7, 10 sa 12, 14, 15, 17 u 19 ta' dan ir-Regolament, jew kwalunkwe parti tiegħu, jew sabiex temenda dawk l-istess Artikoli, jekk hija tikkonkludi li l-iżviluppi internazzjonali jew żviluppi oħrajn iwasslu għal sitwazzjoni fejn l-obbligi skont dawk l-Artikoli ma jibqgħux neċessarji aktar, ma jkunux proporzjonati għall-benefiċċji korrispondenti jew ma jkunux konsistenti ma' jew duplikattivi tar-rekwiżiti ta' rapportar skont il-UNFCCC. Kwalunkwe att adottat skont dan l-Artikolu ma għandux jagħmel l-obbligi ta' rapportar internazzjonali u tal-Unjoni, b'mod ġenerali, aktar onerużi għall-Istati Membri.

Artikolu 29

L-eżerċitar tad-delegazzjoni

1. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati hija kkonferita fuq il-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemija fl-Artikoli 7, 10, 11, 20 u 26 sa 28 ta' dan ir-Regolament għandha tkun ikkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.
3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jirrevoka d-delegazzjoni tas-setgħa msemija fl-Artikoli 7, 10, 11, 20 u 26 sa 28 ta' dan ir-Regolament f'kull ħin. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delegazzjoni tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ mill-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 7, 10, 11, 20 jew 26 sa 28 ta' dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn (2) min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-

Kummissjoni li mhux sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn (2) fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Kapitolu 11

Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 30

Il-proċedura tal-Kumitat

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011²².

Artikolu 31

Reviżjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi regolarment il-konformità tad-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rapportar skont dan ir-Regolament mad-deċiżjonijiet futuri relatati mal-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto jew leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.
2. Jekk, matul il-perjodu ta' impenn skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, ikun hemm bidla fir-regoli internazzjonali relatati mal-istima tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għat-tnejn tal-inventarji tal-gassijiet b'effett ta' serra, il-Kummissjoni għandha tevalwa sa liema punt ir-regoli l-ġodda japplikaw għall-finijiet tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

Artikolu 32

Revoka

Id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE hija rrevokata.

Ir-referenzi għad-Deċiżjoni rrevokata għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

²² ĠU L 55, 28.2.2011, p.13.

Artikolu 33

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

Gassijiet b'effett ta' Serra

Dijossidu tal-Karbonju (CO₂)

Metan (CH₄)

Ossidu nitruż (N₂O)

Eżafluworur tal-karbonju (SF₆)

Trifluworur tan-nitroġenu (NF₃)

Idrofluworokarburi (HFCs):

HFC-23 CHF₃

HFC-32 CH₂F₂

HFC-41 CH₃F

HFC-125 CHF₂CF₃

HFC-134 CHF₂CHF₂

HFC-134a CH₂FCF₃

HFC-143 CH₂FCHF₂

HFC-143a CH₃CF₃

HFC-152 CH₂FCH₂F

HFC-152a CH₃CHF₂

HFC-161 CH₃CH₂F

HFC-227ea CF₃CHF₂CF₃

HFC-236cb CF₃CF₂CH₂F

HFC-236ea CF₃CHFCHF₂

HFC-236fa CF₃CH₂CF₃

HFC-245fa CHF₂CH₂CF₃

HFC-245ca CH₂FCF₂CHF₂

HFC-365mfc CH₃CF₂CH₂CF₃

HFC-43-10mee CF₃CHFCHF₂CF₃ jew (C₅H₂F₁₀)

Perfluworokarburi (PFCs):

PFC-14, Perfluworometan, CF_4

PFC-116, Perfluworoetan, C_2F_6

PFC-218, Perfluworopropan, C_3F_8

PFC-318, Perfluworočiklobutan, $\text{c-C}_4\text{F}_8$

Perfluworočiklopropan $\text{c-C}_3\text{F}_6$

PFC-3-1-10, Perfluworobutan, C_4F_{10}

PFC-4-1-12, Perfluworopentan, C_5F_{12}

PFC-5-1-14, Perfluworoeżan, C_6F_{14}

PFC-9-1-18 $\text{C}_{10}\text{F}_{18}$

ANNEX II

Is-Somma kkalkulata mill-ġdid tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet b'Effett ta' Serra skont l-Istat Membru Msemmi fl-Artikolu 21(1)

Is-somma kkalkulata mill-ġdid tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-Istat Membru għandha tiġi kkalkulata skont din il-formula:

$$\sum_{i=2013}^{2020} [t_{i,2022} - e_{i,2022} - (t_{i,2012} - e_{i,i+2})]$$

Fejn:

- $t_{i,2012}$ hija l-allokkazzjoni tal-emissjonijiet annwali tal-Istat Membru kif stabbilita skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE;
- $t_{i,2022}$ hija l-allokkazzjoni tal-emissjonijiet annwali tal-Istat Membru għas-sena i skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE kif tiġi kkalkulata li kieku d-dejta riveduta tal-inventarju ppreżentata fl-2022 tintuża bħala input;
- $e_{i,j}$ hija l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Istati Membri għas-sena i kif stabbiliti skont l-atti adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20(5) wara r-reviżjoni esperta tal-inventarju fis-sena j.

ANNEX III

Tabella ta' Korrelazzjoni

| Deċiżjoni Nru 280/2004/KE | Dan ir-Regolament |
|----------------------------------|--|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2(1) | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 2(2) | - |
| Artikolu 2(3) | Artikolu 4(3) |
| Artikolu 3(1) | Artikolu 7(1) u Artikolu 7(2) |
| Artikolu 3(2) | Artikolu 14(1) u Artikolu 15(1) |
| Artikolu 3(3) | Artikolu 26, Artikolu 27, Artikolu 28, Artikolu 29 |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 6 |
| Artikolu 4(2) | Artikolu 6 |
| Artikolu 4(3) | Artikolu 25 |
| Artikolu 4(4) | Artikolu 5(1) |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 22(1) |
| Artikolu 5(2) | Artikolu 22(3) |
| Artikolu 5(3) | - |
| Artikolu 5(4) | - |
| Artikolu 5(5) | Artikolu 23 |
| Artikolu 5(6) | - |
| Artikolu 5(7) | Artikolu 25 |
| Artikolu 6(1) | Artikolu 11(1) |
| Artikolu 6(2) | Artikolu 11(3) |
| Artikolu 7(1) | - |
| Artikolu 7(2) | Artikolu 12(1) u Artikolu 12(2) |
| Artikolu 7(3) | - |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 24 |
| Artikolu 8(2) | Artikolu 7(3) |

| | |
|---------------|-------------|
| Artikolu 8(3) | - |
| Artikolu 9(1) | Artikolu 30 |
| Artikolu 9(2) | - |
| Artikolu 9(3) | - |
| Artikolu 10 | |
| Artikolu 11 | Artikolu 32 |
| Artikolu 12 | Artikolu 33 |

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. It-titlu tal-proposta/inizjattiva

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni

1.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB²³

AZZJONI TAL-AMBJENT U L-KLIMA [07]

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

- Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**
- Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**²⁴
- Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**
- Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ridirezzjonata lejn azzjoni ġdida.**

1.4. Għanijiet

1.4.1. *L-għan(ijiet) strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni mmirat(i) mill-proposta/inizjattiva*

Din il-proposta hija stabbilita fl-Istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Hija tikkontribwixxi direttament sabiex tintlaħaq waħda mill-ħames miri ewlenin stabbiliti mill-Istrateġija, bil-għan li tintlaħaq il-mira ta' 20 % ta' tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2020.

1.4.2. *Għan(ijiet) speċifiku/ċi u attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernati fl-AMP*

Għan speċifiku:

L-implimentazzjoni tal-politika tal-UE u l-leġiżlazzjoni dwar l-azzjoni tal-klima (Kodiċi tal-ABB 07 12)

Attivitajiet tal-ABM/ABB ikkonċernati:

07 12 01 (L-implimentazzjoni tal-politika tal-UE u l-leġiżlazzjoni dwar l-azzjoni tal-klima)

²³

ABM: Immaniġġjar Ibbażat fuq l-Attivitajiet, ABB: Ibbaġittjar Ibbażat fuq l-Attivitajiet.

²⁴

Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Jeħtieġ li jiġi emendat il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ eżistenti sabiex jiġu implimentati ċerti politiki dwar it-tibdil fil-klima u sabiex jitwasslu l-benefiċċji liċ-ċittadini u n-negozji kollha, b'mod partikolari fir-rigward tat-titjib tal-kwalità tal-arja, l-iżgurar ta' provvista tal-enerġija, il-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku ekoloġiku u l-innovazzjoni. Din il-proposta se tgħin sabiex tiżdied il-kredibbiltà tal-UE internazzjonalment billi tiġi pprovduta informazzjoni ta' kwalità għolja dwar l-azzjoni meħuda għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Permezz tal-ġbir ta' din l-informazzjoni, din il-propostase tiżgura wkoll li l-UE tkun imħejjija aħjar biex tiffaċċja kwalunkwe sfidi fil-ġejjieni relatati mat-tibdil fil-klima.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

L-indikaturi li ġejjin jikkorrispondu għall-għanijiet ġenerali, speċifiċi u operattivi tal-proposta:

- In-numru ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati fil-livell tal-UE jew skont il-UNFCCC;
- In-numru ta' rapporti ppreżentati fil-ħin lill-Kummissjoni u/jew lill-UNFCCC;
- Il-konsistenza tar-rapporti fil-livell tal-UE ma' dawk ippreżentati mill-Istati Membri kif muri fir-reviżjonijiet tal-UE u tal-UNFCCC;
- Il-konsistenza tad-dejta dwar l-emissjonijiet irrapportata mill-Istati Membri skont l-MMD u strumenti oħrajn ta' rapportar kif muri fir-reviżjonijiet tal-UE u tal-UNFCCC;
- Il-kompletezza tar-rapporti tal-Istati Membri ppreżentati lill-Kummissjoni u skont l-UNFCCC meta mqabbla mar-rekwiżiti eżistenti;
- L-użu mill-Istati Membri ta' metodoloġiji u formati komuni ta' rapportar meta jirrapportaw dwar l-appoġġ finanzjarju u l-appoġġ għat-teknoloġija;
- L-użu mill-Istati Membri ta' linji gwida metodoloġiċi u ta' rapportar domestiċi u internazzjonali;
- Il-kompletezza tar-rapporti tal-Istati Membri ppreżentati lill-Kummissjoni u lill-UNFCCC meta mqabbla mar-rekwiżiti eżistenti;
- L-użu mill-Istati Membri ta' prattiki u formati komuni ta' rapportar għal projezzjonijiet, politiki, miżuri u emissjonijiet attwali;
- Id-disponibbiltà tad-dejta u l-informazzjoni u l-ħolqien ta' flussi ta' informazzjoni ġodda fl-oqsma fil-mira mill-proposta.

1.5. Il-bażi tal-proposta/inizjattiva

1.5.1. Ir-rekwiżit(i) li għandu/hom jintlaħqu fuq perjodu ta' żmien qasir jew twil

L-objettiv ta' din il-proposta fuq perjodu ta' żmien qasir huwa li tikkontribwixxi b'mod sinjifikanti għall-objettiv ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-UE għall-2020 u l-kisba tal-Istrateġija UE 2020. Il-proposta għandha wkoll objettiv fit-tul, jiġifieri li tikseb tnaqqis tal-emissjonijiet fl-UE wara l-2020.

Fuq perjodu ta' żmien qasir, il-Kummissjoni se jkollha bżonn tniedi proċeduri ta' akkwist biex tikseb l-għajjnuna teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proposta, b'mod partikolari għar-reviżjoni tal-inventarju ta' esperti stabbilit fl-Artikolu 20 tal-proposta.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE

Uħud mid-dispożizzjonijiet inklużi f'din il-proposta jeħtieġ li jiġu implimentati fil-livell tal-UE minħabba li dan huwa meħtieġ skont il-liġi tal-UE, jiġifieri d-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE u d-Direttiva 2003/87/KE riveduta.

Minħabba li l-impenji predominanti tal-klima jsiru fil-livell tal-UE, huwa wkoll aktar effettiv li l-istrumenti ta' rapportar meħtieġa jiġu żviluppati fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, l-indirizzar tal-problemi identifikati, bħall-konsistenza u l-puntwalità tar-rapportar tal-UE u tal-Istati Membri għall-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, jeħtieġ il-koordinazzjoni tad-dejta u l-metodi madwar is-27 Stat Membru kollha, li jistgħu jitwettqu b'mod aktar effettiv fil-livell tal-UE.

1.5.3. It-tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat

Il-proposta tiegħi f'kunsiderazzjoni t-tagħlimiet mill-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE u r-reazzjoni li waslet minn għand il-partijiet interessati. Il-proposta għandha l-għan li tindirizza n-nuqqasijiet u l-problemi identifikati u li tissimplifika r-rekwiżiti tar-rapportar, kif applikabbli. B'mod partikolari, l-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-MMD uriet li ċerti rekwiżiti tar-rapportar ma wasslux ir-riżultati mistennija (pereżempju l-indikaturi mitluba), jew li l-informazzjoni ma ntużatx kif antiċipat. Għalhekk, dawn ir-rekwiżiti huma emendati sabiex jiġi żgurat li r-rapportar ikun jaġħmel sens u jsir bi skop. Ir-rekwiżiti l-ġodda huma allinjati mal-flussi ta' rapportar u mal-ħtiġijiet ta' informazzjoni eżistenti.

1.5.4. il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti oħrajn

Il-proposta hija relatata mill-qrib mal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattiva ewlenija tal-Ewropa 2020 għal Ewropa effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Hija konsistenti u komplementari mal-politiki tal-klima, tal-enerġija u soċjali tal-UE.

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva ta' **żmien limitat**

– Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

Proposta/inizjattiva ta' **żmien mhux limitat**

– L-implimentazzjoni x'aktarx li tibda fl-2013, skont il-progress bil-proċess leġiżlattiv

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previsti²⁵

Ġestjoni diretta ċentralizzata mill-Kummissjoni

Ġestjoni indiretta ċentralizzata bid-delegazzjoni tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– aġenziji eżekuttivi

– korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet²⁶

– korpi nazzjonali fis-settur pubbliku/korpi b'missjoni fis-servizz pubbliku

– persuni fdati bl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u li ġew identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni deċentralizzata mal-pajjiżi terzi

Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (*li għandhom jiġu speċifikati*)

Jekk jiġi indikat aktar minn mudell wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsimha 'Kummenti'.

Kummenti

L-Istati Membri se jkunu responsabbli mill-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira ta' din il-proposta. Il-Kummissjoni se ttiprovi gwida lill-Istati Membri u se tevalwa r-rapporti ppreżentati minnhom. Hija se tivverifika, tirrevedi u tiġbor parti mill-informazzjoni inkluża f'dawn ir-rapporti.

²⁵ Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fisponibbli fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html.

²⁶ Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli tal-monitoraġġ u tar-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kondizzjonijiet.

Il-konformità tar-rapporti mitluba skont il-proposta mar-rekwiżiti domestiċi u internazzjonali se turi jekk il-proposta tilħaqx l-oġġettivi tagħha.

Ir-rapporti mħejjija skont il-proposta se jkomplu jiġu vvalutati fil-livell tal-UE u/jew internazzjonali kull sena, kull sentejn (2) u/jew kull 4 snin. Il-valutazzjoni tal-emissjonijiet attwali se tkompli tkun komprensiva u titwettaq minn esperti fil-livell tal-UE u internazzjonali. L-għan tal-valutazzjoni huwa li tgħin sabiex jitjeb ir-rapportar u li tiġi vvalutata l-konformità mal-miri u l-impenji. Il-valutazzjoni tad-dejta u l-informazzjoni l-oħra kollha dwar il-klima issa hija proposta li titwettaq ukoll fuq bażi annwali fil-livell tal-UE bl-enfasi fuq il-kompletezza u l-konformità mal-gwida, filwaqt li fil-livell internazzjonali din il-valutazzjoni se ssir kull sentejn (2) u/jew kull 4 snin. F'dan il-każ ukoll, il-valutazzjoni ssir minn esperti u l-għan tagħha huwa li tivvaluta l-konformità u tidentifika oqsma fejn hemm bżonn aktar titjib.

2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Peress li l-proposta hija regolament, ma tinvolvi traspożizzjoni nazzjonali. Ir-riskji relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament huma limitati minħabba li l-mekkaniżmu propost huwa kontinwazzjoni u titjib tal-mekkaniżmu attwali.

2.2.2. Il-metodu/i ta' kontroll previst(i)

Il-miżuri li jittieħdu sabiex jiġu indirizzati dawn ir-riskji se jkunu l-istess bħal ta' issa: djalogu u kooperazzjoni msaħħa mal-Istati Membri, partikolarment permezz tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima u l-gruppi ta' ħidma tiegħu, l-użu tal-komitoloġija u għajnuna teknika mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri eżistenti ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni u dawk previsti.

Minħabba l-ammonti involuti u t-tip ta' akkwist, din l-inizjattiva ma tippreżentax riskji partikolari ta' frodi. Il-Kummissjoni se tamministra u tikkontrolla l-ħidma billi tuża l-għodod regolari kollha tagħha, bħall-Pjan ta' Ġestjoni Annwali tad-DĠ CLIMA.

L-istandards ta' kontroll intern Nri 2, 7, 8, 9, 11, 12, 13, 15 u 16 huma partikolarment rilevanti. Barra minn hekk, il-prinċipji stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/202 (ir-'Regolament Finanzjarju') u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu se jiġu applikati b'mod sħiħ.

Il-proċeduri tal-akkwist se jiġu rregolati miċ-ċirkwit finanzjarju tad-DĠ CLIMA: ċirkwit parzjalment deċentralizzat li juri indipendenza ġerarkika mill-AO(s)D tal-persuni li jwettqu l-bidu u l-verifika finanzjarji.

Kumitat ta' kontroll intern (ENVAC) se jeżamina wkoll il-proċess tal-għażla tal-kuntrattur u jivverifika l-konsistenza tal-proċeduri adottati mill-Uffiċjali tal-Awtorizzazzjoni mar-regoli tar-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Implimentazzjoni għal taħlita ta' kampjun aleatorju u kampjun ibbażat fuq ir-riskji ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku.

Minbarra dawn il-miżuri, l-atti ddelegati se jistabbilixxu wkoll linji gwida tekniċi li jirregolaw ir-reviżjonijiet esperti msemmija fl-Artikolu 20. Dawn il-linji gwida se jiżguraw li l-persuni li jwettqu r-reviżjonijiet esperti jkunu indipendenti u kkwalikati kif xieraq.

3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|--|--|-----------------------|-------------------------------------|--------------------------------------|--------------------|--|
| | Numru [Deskrizzjoni.....] | Diff./mhux diff. (27) | mill-pajjiżi tal-EFTA ²⁸ | minn pajjiżi kandidati ²⁹ | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| 2 | 07.12.01 [Implimentazzjoni tal-politika u l-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-azzjoni tal-klima] | Diff. | LE | LE | LE | LE |
| 5 | 07.01.02.11 [Nefqa amministrattiva oħra] | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba — LE

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|--|--------------------------|------------------|-----------------------|------------------------|--------------------|--|
| | Numru [Intestatura.....] | Diff./mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

²⁷ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

²⁸ EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

²⁹ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

IL-PROPOSTA SE TIĠI IMPLIMENTATA BL-UŻU TAL-BAĠĠIT EŻISTENTI U MHUX SE JKOLLHA IMPATT FUQ IL-QAFAS FINANZJARJU MULTIANNWALI.

F'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| | | |
|--|-------|-----------------|
| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali: | Numru | [Intestatura 2] |
|--|-------|-----------------|

| DĠ: <CLIMA> | | | Sena N ³⁰ | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | ... daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | TOTALI |
|--|-----------|-------------|----------------------|----------|----------|----------|---|-------|-------|--------------|
| • Approprjazzjonijiet operattivi | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja 07.12.01 | Impenji | (1) | 0.2540 | 1.6310 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 10.04 |
| | Ħlasijiet | (2) | 0.2540 | 1.256 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 9.665 |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-envelop għal programmi speċifiċi ³¹ | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | | (3) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ <CLIMA> | Impenji | =1+1a +3 | 0.2540 | 1.6310 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 10.04 |
| | Ħlasijiet | =2+2a +3 | 0.2540 | 1.256 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 9.665 |

³⁰ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. L-aqwa stima għall-N bħalissa hija l-2013.

³¹ Għajjuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji 'BA'), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | | |
|---|-----------|-------|--------|--------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|--------------|
| • Approprjazzjonijiet operattivi TOTALI | Impenji | (4) | 0.2540 | 1.6310 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 10.04 |
| | Ħlasijiet | (5) | 0.2540 | 1.256 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 9.665 |
| • Approprjazzjonijiet TOTALI ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-envelop għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet TOTALI taħt I- INTESTATURA <2> tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | =4+ 6 | 0.2540 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 10.04 |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | 0.2540 | 1.256 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 9.665 |

Jekk ikunu affettwati aktar minn intestatura waħda mill-proposta / inizjattiva:

| | | | | | | | | | | | |
|--|-----------|-------|--------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|--------------|
| • Approprjazzjonijiet operattivi TOTALI | Impenji | (4) | 0.2540 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 10,04 |
| | Ħlasijiet | (5) | 0.2540 | 1.256 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 9,665 |
| • Approprjazzjonijiet TOTALI ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-envelop għal programmi speċifiċi | | (6) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Approprjazzjonijiet TOTALI taħt I- INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju multiannwali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | 0.2540 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 10,04 |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | 0.2540 | 1.256 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 1.631 | 9,665 |

| | | |
|--|----------|-------------------------|
| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali: | 5 | “Nefqa amministrattiva” |
|--|----------|-------------------------|

F'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| | | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | ... daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | TOTALI |
|-------------------------------|-------------------------------|--------|----------|----------|----------|---|-------|-------|--------------|
| DĠ: <CLIMA> | | | | | | | | | |
| | • Riżorsi umani | 0.254 | 0.508 | 0.508 | 0.508 | 0.508 | 0.508 | 0.508 | 3.302 |
| | • Nefqa amministrattiva oħrar | 0.275 | 0.275 | 0.275 | 0.275 | 0.275 | 0.275 | 0.275 | 1.925 |
| TOTAL DĠ <CLIMA> | Approprijazzjonijiet | 0.529 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 5.227 |

| | | | | | | | | | |
|--|-------------------------------------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|--------------|
| Approprijazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Impenji totali = Ħlasijiet totali) | 0.529 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 5.227 |
|--|-------------------------------------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|--------------|

F'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| | | Sena N ³² | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | ... daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | TOTALI |
|---|-----------|----------------------|----------|----------|----------|---|-------|-------|---------------|
| Approprijazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | 0.783 | 2.414 | 2.414 | 2.414 | 2.414 | 2.414 | 2.414 | 15.267 |
| | Ħlasijiet | 0.783 | 2.039 | 2.414 | 2.414 | 2.414 | 2.414 | 2.414 | 14.892 |

³² Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi ġodda (l-inizjattiva hija parti mill-qafas finanzjarju attwali)
- Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| Indika l-għanijiet u r-riżultati | Sena N | | | Sena N+1 | | | Sena N+2 | | | Sena N+3 | | | ... daħħal snin daqskemm ikun meħtiegħ biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | TOTALI | | |
|--|-------------------|--------------------------------|--------------------------|---------------------|-------|---------------------|----------|---------------------|-------|---------------------|-------|---------------------|--|---------------------|-------|---------------------|-------|----------------------------|
| | RIŻULTATI | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | ↓ | Tip ta' riżultat ³³ | Spiża medja tar-riżultat | Numru ta' riżultati | Spiża | Numru ta' riżultati | Spiża | Numru ta' riżultati | Spiża | Numru ta' riżultati | Spiża | Numru ta' riżultati | Spiża | Numru ta' riżultati | Spiża | Numru ta' riżultati | Spiża | Numru totali ta' riżultati |
| GĦAN SPEĊIFIKU: Implimentazzjoni tal-politika u l-leġislazzjoni tal-UE dwar l-azzjoni tal-klima (ABB kodiċi 07 12) | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | Għajnu na teknika | 0.717 | 2 | 0.254 | 2 | 1.631 | 2 | 1.631 | 2 | 1.631 | 2 | 1.631 | 2 | 1.631 | 2 | 1.631 | 14 | 10.04 |
| Subtotal għal għan speċifiku | | | 1 | 0.254 | 1 | 1.631 | 1 | 1.631 | 1 | 1.631 | 1 | 1.631 | 1 | 1.631 | 1 | 1.631 | 7 | 10.04 |
| SPIŻA TOTALI | | | 1 | 0.254 | 1 | 1.631 | 1 | 1.631 | 1 | 1.631 | 1 | 1.631 | 1 | 1.631 | 1 | 1.631 | 7 | 10.04 |

³³ Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju: in-numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, in-numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet amministrattivi
- Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt: (l-inizjattiva hija parti mill-qafas finanzjarju attwali)

Il-ħtiġijiet għall-appropriazzjonijiet amministrattivi għandhom ikunu koperti mill-allokkazzjoni diġà mogħtija għall-ġestjoni ta' din l-azzjoni u/jew użata mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, supplimentata kif jista' jkun il-każ minn kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali mogħtija lid-DĠ amministrattiv fil-qafas tal-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

F'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| | Sena N ³⁴ | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | ... daħħal snin daqs kemm ikun meħtieġ biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | TOTALI |
|---|----------------------|----------|----------|----------|--|-------|-------|--------|
| INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0.254 ³⁵ | 0.508 | 0.508 | 0.508 | 0.508 | 0.508 | 0.508 | 3.302 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0.275 ³⁶ | 0.275 | 0.275 | 0.275 | 0.275 | 0.275 | 0.275 | 1.925 |
| Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali | 0.529 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 5.227 |
| Barra mill-INTESTATURA 5³⁷ tal-qafas finanzjarju multiannwali | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Nefqa oħra ta' natura | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

³⁴ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

³⁵ Kull ammont annwali fuq din il-linja jinkludi 0,127M€ li jikkorrespondu għal membri tal-persunal li jaħdmu fuq l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (li hija rrevokata skont il-Proposta).

³⁶ L-ammonti annwali fuq din il-linja jikkorrespondu għall-ispejjeż eżistenti relatati mal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (li hija rrevokata skont il-Proposta).

³⁷ Għajjnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji 'BA'), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | |
|--|-------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|
| amministrativa | | | | | | | | |
| Subtotal barra l- INTESTATURA 5 tal- qafas finanzjarju multiannwali | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| TOTALI | 0.529 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 0.783 | 5.227 |

3.2.3.2. Ir-rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu tar-riżorsi umani allokatu bħalissa, kif spjegat hawn taħt:

Stima li għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew sa massimu ta' punt deċimali wieħed)

| | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | ... daħħal snin daqskemm ikun meħtiegħ biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|--|----------|----------|----------|--|--------|--------|
| • Pożizzjonijiet għall-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji) | | | | | | | |
| 07 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 254000 ³⁸ | 508000 | 508000 | 508000 | 508000 | 508000 | 508000 |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| • Impjegati esterni (ekwivalenti għall-Full Time: FTE)³⁹ | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill- <i>'envelop globali'</i>) | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| XX 01 04 yy ⁴⁰ | - fil-Kwartieri Ġenerali ⁴¹ | | | | | | |
| | - fid-delegazzjonijiet | | | | | | |
| XX 01 05 02 (CA, INT, SNE — Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE — Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħrajn (speċifika) | | | | | | | |
| TOTALI | 254000 | 508000 | 508000 | 508000 | 508000 | 508000 | 508000 |

XX hija l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

³⁸ Kull ammont annwali fuq din il-linja jinkludi 0,127M€ li jikkorrispondu għal membri tal-persunal li jaħdmu fuq l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (li hija rrevokata skont il-Proposta).

³⁹ CA= Aġent bil-Kuntratt; INT= persunal tal-aġenzija (*'Intérimaire'*); JED= *'Jeune Expert en Délégation'* (Esperti Żgħażaġħ fid-Delegazzjonijiet); LA= Aġent Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Sekondat.

⁴⁰ Taħt il-limitu għall-persunal estern mill-appropriazzjonijiet operattivi (li qabel kienu l-linji 'BA').

⁴¹ Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu pprovduti minn impjegati tad-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li tqassmu mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, u jekk ikun meħtieġ flimkien ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ amministrattiv skont il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet tal-baġit.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

| | |
|-------------------------------|--|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Jieħdu azzjoni biex jimplimentaw ir-rekwiżiti tal-Kummissjoni (pereżempju; jirrevedu r-rapporti tal-Istati Membri, iwettqu analiżi, jimmonitorjaw l-implimentazzjoni.) |
| Impjegati esterni | |

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

- Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.
- Il-proposta/inizjattiva titlob iprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

Spjega x'tip ta' iprogrammar mill-ġdid huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.
.....

- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali⁴².

Spjega x'inhwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.
.....

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdi għal kofinanzjament minn partijiet terzi
- Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | ... daħħal snin daqs kemm ikun meħtieġ biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Totali |
|---|--------|----------|----------|----------|--|--|--|--------|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| Approprijazzjonijiet TOTALI kkofinanzjati | | | | | | | | |

⁴² Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/inizjattiva ma għandha ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/inizjattiva għandha dan l-impatt finanzjarju:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq id-dħul mixxellanju

F'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| Linja tad-dħul tal-baġit: | Approprjazzjon ijiet disponibbli għas-sena baġitarja li għaddejja | L-impatt fuq il-proposta/inizjattiva ⁴³ | | | | | | |
|---------------------------|---|--|-------------|-------------|-------------|--|--|--|
| | | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | ... daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ biex turi t-tul ta' żmien tal- impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu | | | | | | | | |

Għad-dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linji tal-infiq tal-baġit affettwati.

....

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

....

⁴³ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, taxxi fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.